ARCHIVES.

# TOSCA.

Salesian Theatre

– Sliema –

Script Nos: 363

BOARD OF FILM CENSOR
No. 9
MALTA

This play has been examined by the undersigned and found fit for exhibition to persons of ANY AGE.

Charles X. Clews

October 30, 1980

| | Act. I | | | | | | | | | | | | Act II | | | | | | | | | | Act III | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 |
| MARIO | | X | X | X | X | X | X | X | X | X | | | X | X | X | X | X | | X | | X | X | | | | | | | | X | X | X | |
| FLORIA | | | | | | X | X | X | X | | | | | X | X | X | X | X | X | X | X | X | | X | X | X | X | X | X | | X | X | X |
| SCARPIA | | | | | | | | | | X | X | X | | | | | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X | | | | |
| ANGELOTTI | | | X | X | X | X | | | X | | | | X | X | | X | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| SPOLETTA | | | | | | | | | | X | | X | | | | | | | | | | | X | X | | | X | X | | | X | X | X |
| SCIARRONE | | | | | | | | | | | X | | | | | | X | X | | | X | X | X | X | | | | | | | | | X |
| EUSEBIO | X | X | X | | | | | | | X | X | X | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| GENNARO | X | X | X | | | | | | | X | X | X | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| LUCIANA | | | | | | | | X | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| KALZRIER. | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | X | | | |

# TOSCA

Dramm fi tliet atti addattat ghall-palk minn Charles Attard.

Medud mir-rumanz ta' Vittoriano Sardou. Jizvolgi f'Ruma fl-1800.

Ibbazat fuq il-librett ta' Illica u Giacosa li kitbuh ghal Giacomo Puccini li kkompona l-muzika.

Jiehdu sehem:-

Mario Cavaradossi - Pittur

Floria Tosca - Kantanta

Vitellio Scarpia - Kummissarju tal-Pulizija

Cesare Angelotti - Habsi Politiku

Spoletta - Pulizija (Ufficjal)

Sciarrone - Pulizija (Ufficjal)

Padre Eusebio - Sagristan

Gennaro - Guvni alljev tal-Pittur

Luciana - Kamriera ta' Tosca

Kalzrier

Erba' Pulizija

---

Intella' mill-Atturi Salesjani
fis-Sala tal-Oratorju Salesjan,
Sliema
fl'1980.

---

BOARD OF FILM CENSOR
No. 9
MALTA

Direzzjoni- J.Frendo.

## ACT ONE



# L-Ewwel Att

(Peress li l-muzika tal-introduzzjoni tal-opra hija zghira hafna, is-siparju jiftah malli tibda l-muzika.)

Xena -(Tidher knisja minn gewwa. Importanti li jidhru statwa tal-Madonna fin-nofs, palkett tal-injam bl-'easle' tal-pittura fuqu, kancell jaghti ghal-kappella ohra li ma tidhirx fuq il-lemin u fonti zghir tal-ilma mbierek fuq il-lemin ukoll imma quddiem. Gennaro jidher rieqed fuq il-palkett. Jidhol is-Sagristan icekcek mazz cwievet.)

Eusebio — Gennaro, qum minn hemm!

Gennaro — (B'lehen ta' wiehed ghadu nofsu rieqed u joghrok ghajnejh) Iva, x'inqala'.

Eusebio — Ma xbajtx rieqed?

Gennaro — Mhux issa ghada kif marret ghajni bija...

Eusebio — Imbierek il-ghass!

Gennaro — X'hin sar?

Eusebio — Se jdoqq nofs in-nhar. Ser naghlaq il-knisja. (Idur biex jitlaq. Jiqaf.) Bilhaqq, il-pittur, is-Sur Mario Cavaradossi ga telaq?

Gennaro — Warrab ftit. Mar jixtri bicca xoqqa ghal-kwadru li ghandu ordnat.

Eusebio — Jahsibha ta' Franciz li hu; jiggerra mat-toroq ta' Ruma f'xemx tizreg bhal din. (Igerger) U jien ikolli noqghod nistennieh.

Gennaro — (Iqum bil-wieqfa fuq il-palkett) Qed tiskantani Padre Eusebio. Dan kif ma tafx li l-Kavalier Cavaradossi huwa Taljan bhalna!

Eusebio — Le, le Gennaro naf x'qed nghid. Veru li missieru kien Ruman imma ommu hija Franciza u bhal ma jigri dejjem gibed lejn it-tendenzi tal-omm. U ntik prova ta' dan. Ghidli, kieku kien veru Ruman kien jibqa' jahdem meta bhal issa din il-Belt tinstab rieqda?

Gennaro — (Jiftah sarvetta biex jiekol xi haga.) Nisimghu jghid li din hija l-ahjar siegha ta' xoghol, ghax dal-hin il-knisja tkun maghluqa u ghalhekk is-Sur Cavaradossi ma jigix imfixkel mit-turisti, mill-gwidi, mit-talb u mill-orgni tal-knisja. F'dil-hemda huwa jhossu aktar fil-liberta, fl-ispirazzjoni biex johloq fuq it-tila dak li jimmagina.

Eusebio — (Aktarx bejnu u bejn ruhu) U izjed liberu biex jiltaqa' ma dik is-Sinjura hux tassew? (F'dal-hin irodd is-salib bl-ghaggla)

Gennaro — X'jigifieri, Padre?

Eusebio — Xejn, xejn. (Idahhal idejh fil-but) Wara kollox huwa bniedem generuz hafna u ma jinsa qatt jitlaqli f'idejja bicctejn munita biex jurini r-rispett. Imma fih hemm haga tinkwetani. Dik li l-Kavalier xejn m'ghandu sentimenti religjuzi.

Gennaro — Naqbel mieghek.

Eusebio — Kemm ili nafu qatt ma rajtu jassisti ghal xi funzjoni, qatt ma rajtu jersaq ghas-Sagramenti.

Gennaro — Ghalkemm ma niddubitax milli qed tghid, jien ftit jimpurtani mill-affarijiet personali tieghu.

Eusebio — Jekk ma tafx il-Kavalier huwa Gakobin. Fuq kollox hija haga naturali. Missieru kien maghruf bhala filosfu kbir f'Parigi. Kien habib ta' Voltaire u ta' hafna ohrajn tal-istess xirka. Xejn ma nghidlek ibni, oqghod attent li ma tmurx l-Infern int ukoll.

Gennaro — (Jittewweb) Ghidli Padre Eusebio, almenu fl-Infern inkunu nistghu norqdu?

Eusebio — (Jingibed lura) Norqdu ghidt?

Gennaro — Iva.

Eusebio — (Mifxul) Ma nafx. Ma kontx imhejji ghal-mistoqsija bhal din. Imma, issa nikkonsulta ruhi ma Padre Carafa. Dak awtorita' fl-affarijiet tal-Knisja. Pero jiena nahseb li l-bniedem ikollu jsofri minn nuqqas ta' rqad, u nghiduha kif inhi ghall-ghazzenin bhalek ikun kastig veru ahrax.

Gennaro — (B'sarkazmu) Hekk nahseb.

Eusebio — Gennaro, lill-Kavalier ghidlu baxx baxx biex bhala penitenza joffri ghall-quddiesa flixkun Marsala bhal dak li hemm gol-qoffa.

Gennaro — Dak mhux Marsala imma Gragnano.

Eusebio — (Jaqbad il-flixkun u jeghzaminah) Possibbli? Mill-kulur tieghu nghid li hu Marsala. (Jaqla' t-tapp u jxommu) Anzi biex inkun zgur ser induqu. Jferragh f'tazza li tkun fil-qoffa wkoll u jixrob.

Gennaro — Evviva .

Eusebio — (Waqt li jmeclaq) Kellek ragun ibni. Wisq ahjar mill-Marsala.

Gennaro — (Jahtaflu l-flixkun) Jekk il-Kavalier jintebah li xrobnilu minnu ikolli nghidlu li xrobt jien.

Eusebio — (Ihares lejn l-arlogg tal-but) L-akbar hsieb. Dak fin-namrata mohhu. Fuq kollox lili ghandu jhallasni b'xi haga ta' l-irqad li qed itellifni.

Gennaro — Bilhaqq, il-bierah qalli li bi hsiebu jmur ghal-festa li ser issir f'Palazzo Farnese.

Eusebio — Eh, hemmekk ma nahsibx li ser jiehu gost wisq. Dik ir-rebha se ssir f'gieh ir-rebha li l-Awstrijaci ghamlu fuq il-Francizi.

Gennaro — X'rebha hi din?

Eusebio — Tghidlix li ghadek ma smajtx li Genova?

Gennaro — U iva smajt xi haga imma dettalji ma nafx.

Eusebio — Il-Francizi gew mirbuha minn kullimkien u l-General Massena, li gie mdawwar f'Genova kellu jcedi u jerhi l-Belt f'idejn it-truppi tal-Imperatur tal-Awstrija.

Gennaro — Iva, eh!

Eusebio — (Johrog gazzetta) Taf x'qalu l-gazzetti tal-bierah dwar il-waqa' ta' Genova? (Gennaro jgholli spallejh b'sinjal ta' nuqqas ta' nteress)
"Dizastru shieh ghall-Ezercitu Franciz. Il-bicca l-kbira tal-ufficjali w suldati sfaw mejta. Il-ftit li salvaw kienu ghajjenin ghall-mewt. Ghalhekk f'Palazzo Farnese ser jinghata ballu kbir mill-Imperatur u l-Maesta' taghha Maria Carolina."

(Jinstemghu passi) (Eusebio jahbi l-gazzetta.)

Gennaro — Hawn hu. Il-Pittur Cavaradossi wasal.

Mario — (Jidhol mix-xellug) Skuzani, Padre Eusebio, hallejtek tistenna.

Eusebio — (Ibiddel it-ton ghal-kollox) Ma jimpurtax, Sur Cavaradossi. Sakemm gejt qaghdt naghti l-ahbarijiet tal-gwerra lill-Gennaro.

Mario Allura qattajtugha...

Eusebio Kullinkien maghluq Sinjur. Nista nmur?

Mario (Bi ftit interess)Iva, iva. Anki inti tista' tmur ukoll. Sakemm ma jinfethux il-bibien tal-knisja ma jkollix bzonnok.

Gennaro Grazzi mast.

Eusebio Sur Kavalier, meta tohrog jekk joghgbok kemm taghlaq il-katnazz.

Mario Tiehux hsieb.

Eusebio (B'sarkazmu) Inhalluh jahdem fil-kwiet.

(Gennaro jitbissem u johrog warajh.)

(Tinstema' muzika mill-opra, filwaqt li Mario wahdu in xena wara li jqieghed it-tila fuq siggu, jitla fuq il-palk, jirranga l-kwadru u jerga jinzel biex jara l-effett mill-boghod. Jerga jitla' u jaghti xi zewg pinzellati. Jerhi l-pinzell, jinza l-gakketta u jibda jpingi mill-gdid. Jitfacca Angelotti minn wara l-kancell fuq il-lemin, jifthu minghajr ma jaghmel hoss, jaqsam il-palk bl-ghaggla u jasal qrib id-dhul tax-xellug, jissemma biex jara jekk hux gej xi hadd. Mario bhalissa jinsab gharkuptejh jaghzel xi kuluri. Jilmah lill-Angelotti u bla ma jitharrek imma sorpriz jistaqsieh..)

Mario Min int?

Angelotti (B'lehen baxx) Habib.

Mario Kif tinstab hawn meta l-knisja tinstab maghluqa?

Angelotti (Jigri lejh) Tghajjatx nitolbok. Tahseb li ninstabu Wahidna?

Mario Iva.

Angelotti Il-knisja mhux maghluqa ghal-kollox. Hemm faccata hemm dak il-bieb miftuh. jista' jidhol xi hadd fuqna.

Mario (Iqum u jqieghed il-paletta fuq il-banketta) Imma ghaliex dal-biza' kollu qiesek xi halliel.

Angelotti Xi whud forsi hekk jahsbu, imma jekk dak li smajt fuqek minn dawk it-tnejn li kien hawn qablek huwa minnu, inti zgur tahsibha mod iehor fuqi.

Mario (Jinzel minn fuq il-palkett) Ghadek m'ghidtlix minn int.

Angelotti Nghidlek. Jien habsi, mahrub mill-Kastell Sant'Anglu.

Mario X'hinu?

Angelotti F'Napli kont wiehed mill-akbar difensuri tar-Repubblika. Meta Napli cediet gejt Ruma fejn gejt maghzul Konslu ta' din il-Belt. Dan ma tulx wisq ghax Ruma ma damietx ma cediet ukoll. Ismi forsi qrajtu fil-lista tal-prigunieri li kellhom ikunu eziljati. Jisimni Cesare...

Mario Angelotti?

Angelotti Kollu kemm hu.

Mario Stenna halli naqfel dak il-bieb. (Johrog mix-xellug. Jinstama' jaghlaq il-bieb u jerga lura) Allura x' fettillek tigi tistahba f'Sant Andrea.

Angelotti Kollox nghidlek, imma qabel irridek ittini tazza minn dak l-imbid. Ili b'xejn mill-bierah filghaxija. Inhossni qed immut bl-ghejja u l-guh. (Joqghod bilqieghda fuq bank.)

Mario (Igib il-flixkun tal-imbid u jtiehulu) Haga zghira... Ixrob.

Angelotti Nizzik hajr habib. Int qalbek tad-deheb.

Mario Ixrob, ixrob u ghidli x'nista' naghmel aktar ghalik.

Angelotti Bhal issa ma tistax tifhem dak li qed inhoss. Meta tkun ilek ghal zmien twil maghluq f'cella qalb kalzrieri,

zbirri u kull tip ta' habsin, imbaghad issib ruhek quddiem habib bhalek, emminni thossok qed titwieled millgdid. (Jixrob l-imbid f'nifs wiehed)

Mario (Iressaq ukoll il-qoffa) B'xorti tajba nista' noffrilek xi haga x'tiekol ukoll. Ara f'din il-qoffa ghandek hobza u bicca laham.

Angelotti Nizzik hajr sinjur. (Jibda jiekol.)

Mario Issa nixtieqek tghidli xi haga dwar il-harba tieghek.

Angelotti Irnexxili nahrab mill-Kastell bis-sahha ta' ohti.

(Jinstemghu xi ilhna fil-boghod. Angelotti jqum mifxul.)

Angelotti Qed nisma lill-xi hadd.

Mario Il-knisja maghluqa. Dawn xi nies ghaddejjin barra.

Angelotti Zgur li ma jista' jidhol hadd.

Mario Qabel ma niftah lak il-katnazz lanqas is-Sangristan ma jista' jidhol. Il-bibien l-ohra kollha maghluqa. (Mario jnizzel banketta minn fuq il-palkett u joqghod fuqha.)

Angelotti Tajjeb. Bhal m'ghidtlek jien hrabt permezz ta' ohti il-Markiza Attavanti. Tafha?

Mario Nismaghhom isemmuha.

Angelotti Il-bierah habib imqabbad minn ohti giebli dawn il-hwejjeg, qataghli l-ktajjen li kont marbut bihom u fetahli il-bieb tal-habs. Naturalment dan il-habib jahdem f'Sant Anglu u jien thalladt ma haddiema ohra u rnexxieli nohrog minn dik il-fortizza. F'dak il-hin il-bibien tal-Belt kienu jinstabu maghluqa u ma jinfethux qabel ghada filghodu. Imbaghad bdejt nahseb fejn ser naqbad immur nistahba. Ma stajtx immur ghand ohti ghax zewgha huwa difensur tat-tron u huwa stess kien iwassalni f'idejn il-bojja. Ghalhekk ohti hasbet f'dik il-kappella li peress li hija tal-familja taghna ic-cwievet taghha jinstabu ghandha biss. Baghtitli dak kollu li kien mehtieg biex ma nigix maghruf. Filghaxija, qabel m'ghalqet il-knisja dhalt hemm gew u bqajt mistohbi s'issa.

Mario Hasbitha veru tajjeb!

Angelotti Il-habib tieghi Trebelli kif jispicca mix-xoghol kellu jigi ghalija, u jien inhalli dan il-post liebes ta' mara, nirkeb karrozzella li tkun tistennieni fejn il-knisja u minnufih nerhula ghal Frascati fejn ohti tkun qed thejjili t-triq biex nitlaq minn Ruma ghal dejjem. Trebelli s'issa ghadu ma giex u ghalhekk ma nafx x'ser naqbad naghmel. La naf nistennieh u lanqas nitlaq wahdi. Wahdi ninqabad zgur. Imma jekk jintebhu bil-harba tieghi? Jekk il-habib tieghi Trebelli jinqabad x'ghamel ghalija u jigi arrestat?

Mario Le, le. Ghamel kuragg. Kieku ndunaw bil-harba tieghek ga smajna t-tir tal-kanun bhas soltu.

Angelotti Jista' jkun imma dwar Trebelli ninstab inkwetat hafna. Ghaliex ma giex ghalija kif konna miftehmin?

Mario Min jista' jghid ma liema tfixkil iltaqa'. Thabbilx rasek. Ibqa' mistohbi hawn. Fil-mument m'intix ser issib mohba ahjar. Jekk sal-lejla ma jigix niehu hsiebek jien.

Angelotti Kemm inti twajjeb habib. Imma qed niftakar, min jaf ohti x'tistenna u kemm tinstab inkwetata.

Mario Naghli ghaliha, izda m'ghandi l-ebda mezz kif intarrfila li int hieles u qieghed mistohbi hawn. Oqghod. Issa qed nifhem x'kien l-iskop taz-zjara taghha f'din il-knisja dawn l-ahhar jien.

Angelotti Rajtha?

Mario Iva. Rajtha bizzejjed biex ghamilt fuq din it-tila

tifkira tas-sbuhija taghha.

Angelotti Bravu, bravu tassew. L-espressjoni ta' ghajnejha, is-sbuhija ta' xaghra, gmielha kollha hemm qieghdin. Jien u ohti ninhabbu tassew. Sena shiha ilha tithabat biex tehlisni mill-mewt. Kienet tassew haga tqila ghaliex l-Awtorita' Naplitana baghtet f'Ruma bhala Kummissarju tal-Pulizija wiehed Siciljan, maghruf ghal hruxija tieghu. Bniedem kiefer u bla qalb.

Mario Qed tghid ghal Baruni Scarpia hux tassew?

Angelotti Iva. Scarpia mhux wiehed li jinsini malajr.

Mario Scarpia huwa bniedem dizonest. Taht l-ilbies tat-tjubija, l-onesta' u l-umilta' jahbi l-ipokrezija tieghu, il-mibgheda u l-kefrija. Taht it-tbissima tieghu hemm mohbi l-odju u l-ghatx ghal vendetta. Min jaf kemm vittmi waqghu taht idejh.

Angelotti Hadd ma jaf izjed minni. Ohti kellha tahrab minnu diversi drabi. It-tustagni tieghu qanqlitha biex tfassal il-pjan tal-harba tieghi ghax setghet tara tajjeb kemm kont qed insofri taht idejh.

(Jinstama' hoss fuq bieb.)

Mario Iskot!

Angelotti (Imbazza) Habbat xi hadd?

Mario Nahseb li l-biza qed iggelna nhewdnu.

Angelotti Ilna nithaldtu hafna u m'ghidtlix minn int.

Mario Mario Cavaradossi.

Angelotti It-tifel ta'....

Mario Nicolo' Cavaradossi, Ruman bhalek.

Angelotti Allura inti ilek tghix f'Ruma?

Mario Ili minn dak in-nhar li telqu l-Francizi.

Angelotti Mela ilek aktar minn sena. Ghid is-sew, x'hinu jzommok hawn taht l-Awstrijaci?

Mario Ma tistax tahseb?

Angelotti Mara?

Mario Hekk hu, tafha lill-Floria Tosca?

Angelotti Tosca il-kantanta. Da zgur. Izda qatt ma kellimtha.

Mario L-intelligenza ta' Floria hija xi haga tal-ghageb. Trabbiet f'kunvent tas-sorijiet u bdiet titghallem il-muzika hemmhekk. Ma jistax jonqos li bdiet tkanta fil-funzjonijiet religjuzi. Kull min semaghha issahhar warajha. Fost dawn kien hemm il-famuz Cimarosa li talab lis-Superjuri taghha biex ihallhuwa tkanta fit-Teatri. Meta ma laqghux it-talba tieghu dan ippika tant li baqa' sejjer s'ghand il-Papa. Il-Qdusija Tieghu ukoll semaghha u qalla bil-hlewwa, "Binti, inti ghandek vokazzjoni. Bil-hlewwa tal-vuci tieghek tista trattab qlub xierfa." Fi ftit zmien wara Floria rat it-trijonf taghha u saret il-prima donna celebri maghrufa fl-aqwa bliet tad-dinja.

Angelotti U l-imhabba tieghek lejha?

Mario Twieldet fl-Argentina fejn Floria inzertat qed tkanta.

Angelotti Ghalkemm m'ilhix nafhek ma niskantax li Tosca ingibdet mill-ewwel lejk.

Mario Floria thobbni wisq, izjed milli jmissha. Haga biss tinkwetani. L-ghira li ghandha nibza li qed tfixkel l-ghaqda ta' bejnietna. Minhabba fiha bqajt hawnhekk u dan qed naghmlu b'riskju kbir ghaliex ghajnejn l-Awtorita' qieghdin fuqi wkoll. Veru li ma hadtx sehem fir-rewwixta imma ismi huwa bizzejjed biex inissel

is-suspetti tal-pulizija. Ix-xejra ta' missieri jkomplu jzidu dawn is-suspetti, u kieku ma kontx makakk ma kienx jirnexxili nghix hawn minhabba dak il-malinn ta' Scarpia.

Angelotti X'ghamilt biex irnexxilek?

Mario Tlabt lill-Kapitlu ta' dil-knisja biex inpingi dak il-kwadru bla hlas.

Angelotti Laqghuha it-talba tieghek?

Mario Ghandek xi dubju? Il-generosita' tieghi bieghdet minni il-periklu. Nittama li sakemm Floria titlaq ghal Venezia ma jinqala' xejn. Imbaghad hemmhekk inkunu nistghu nghixu bla biza'. Hawnhekk f'din il-knisja niltaqghu minghajr biza' u kieku mhux ghax ghandha xi kuncert diga tinstab hawn. Verament,habat tajjeb li ghadha ma gietx, ghax nghiduha kif inhi,forsi ma tixtieqx tghidilha min int.

Angelotti Le, xejn minn dan...basta twissiha int.

Mario Jiena ma nahsibix bhalek. F'affarijiet bhal dawn ahjar ma jidhlux nisa.

Angelotti Imma jekk kif ghidt int thobbok hafna, mhix ser tikser kelmtek.

Mario Le. Jekk dwar il-harba tieghek ma tkun taf xejn ikun wisq ahjar. Ghax jekk issir taf li qed nipprotegi wiehed xellerat bhalek, ahfirli l-espressjoni, imma zgur f' ghajnejha hekk tidher, ara kemm tibda taghmel mistoqsijiet u twissijiet. Imbaghad jekk il-harba tieghek ma tirnexxix u jkollok tibqa' mistohbi f'Ruma, zelqa ta' kelma wahda biss tkun bizzejjed biex inti tintilef ghal dejjem.

Tosca (Floria tinstema' minn barra) Mario!

Mario Waslet! Fittex stahba. Ma nahsibx li ser iddum hawn.

Angelotti Ser nerga nidhol fil-kappella. (Jidhol mill-kancell.)

(Jinstemghu tliet tahbitiet fuq il-bieb.)

Tosca (Minn barra) Iva Mario, x'int taghmel?

Mario Gej, gej Floria. (Imur jiftah il-bieb fuq ix-xellug.)

Tosca (Tidhol b'mazz fjuri f'idejha) Kemm iddum biex tiftah?

Mario (B'pinzell f'halqu) Int lanqas ittini zmien biex ninzel minn fuq il-palkett.

Tosca (Waqt li thares madwarha) U nista' nkun naf ghaliex qed taghlaq bil-katnazz?

Mario Dik l-ordni ta' Padre Eusebio.

Tosca Dak iz-zaghzugh, x'jismu, mhux hawn?

Mario Gennaro. Le. Ma kellix x'nambieh u bghattu. (Pawsa) Floria dik il-harsa xejn ma toghgobni.

Tosca Ma min kont qed titkellem?

Mario Ma hadd. Kif qed tara ninsab wahdi.

Tosca Smajtek issikket lill-xi hadd.

Mario Qed tohlom. Min tridu jkun hawn dal-hin?

Tosca Fejn naf jien. Forsi xi sinjorina li ghandha grazzja mieghek.

Mario Floria, fi shana bhal din mhux gost tahdem xena ta' ghira. Diskors bhal dan mhux ahjar inhalluh ghall-lejla meta l-arja tiffriska xi ftit? (Jaqbdilha idha.)

Tosca Ma jaqbillekx inkomplu hux tassew?

(Hawn tibda tinstema' muzika mill-opra.)

Mario Tkunx belgha Floria. Ersaq l'hawn. U kemm ghandek fjuri sbieh illum.

Tosca Gibthom ghall-Madonna, ghax id-dejn li ghandi maghha hux tassew kbir.

Mario (Ibusilha idha.) Jiena wkoll. Jehtieg nibda naghmel xi penitenza. Ghidli Floria, kif sbaht dalghodu?

Tosca | Inhossni ghajjiena, eccitata. Imma stenna. Hallini inqieghed dawn il-fjuri quddiem il-Madonna.
---|---
 | (Tersaq quddiem il-Madonna, tqieghed il-fjuri, tinzel gharrkuptejha. Mario jaghmel xi sinjali minn warajha lill-Angelotti li jitfacca fil-kancell. Floria tqum, tersaq lejn Mario waqt li testendi idha lejh.)
Mario | Ghidtli li tinsab eccitata, ghaliex?
Tosca | Probabbli li minhabba l-festa li se ssir il-lejla f' Palazzo Farnese. Ser isir kuncert kbir u l-aktar parti mpenjattiva tawha lili.
Mario | Dak sinjal li int brava. mela l-lejla narak.
Tosca | Le Mario, ghaliex wara henm il-Ballu u ghalkemm jien ma nisfinx, il-Maesta' Taghha stiednitni biex wara niccena maghha.
Mario | Dan unur kbir ghalik.
Tosca | Iva. Ir-Regina twajba wisq mieghi, izda billi ma jiccenawx qabel is-sebh ma nkunx nista narak qabel nofs in-nhar ta' ghada.
Mario | (Distratt) Sewwa qed tghid.
Tosca | Milli tidher ma tantx tiddejjaq jekk indumu ma niltaqghu.
Mario | (Jipprotesta) Ghaliex qed tahseb hekk?
Tosca | L-indifferenza tieghek igghalni nithasseb.
Mario | Dak ghaliex naf nirrassenja ruhi.
Tosca | Nghidlek jien ghaliex. Il-htija hija tieghi ghax inhobbok aktar milli jmissni u fuq kollox nurik li nhobbok. Ghalhekk tabbuza.
Mario | Floria!
Tosca | (Waqt li thares lejn il-kwadru) Min hi dik il-mara?
Mario | (Ihares madwaru) X'mara hi?
Tosca | Dik li qed tpingi.
Mario | Dik hija l-Maddalena. X'jidhirlek minnha?
Tosca | Sabieha esagerata.
Mario | Hekk tahseb?
Tosca | Ma niehux gost li tpingi nisa hekk sbieh.
Mario | Kif inti tghir ukoll ghan-nisa li npingi.
Tosca | Nghir ghal dak li jista' jigri.
Mario | U x'jista' jigri?
Tosca | Kif inti tibda tpingi par ghajnejn tghid, "X'ghanjejn sabieh!". Imbaghad tlesti l-fomm u tghid, "Xufftejn livini". U hekk meta tlesti l-kwadru issib ruhek tiehu gost b' dak il-gmiel u bla ma trid issir thobb dik il-figura. U jien, jien nigi minsija.
Mário | Ghandek ragun. Dil-mara ma nistax nghid li mhix sabieha.
Tosca | Il-pittur ipingi l-figuri tieghu skond it-tifkiriet li jkollu fil-hajja. Dawk l-ghajnejn int tkun ilek li ltqajt maghhom zmien. Dawk ix-xufftejn forsi xi darba jkunu tennewlek kliem ta' mhabba. Imma...(tersaq aktar vicin) stenna ftit. Qed nosserva dak ix-xaghar hamrani, dawk l-ghajnejn kohol. Dik il-mara nafha. Iva. Zgur li ltqajt maghha.
Mario | Jista' jkun.
Tosca | Allura dan ritratt. L-original jezisti.
Mario | Jekk ghandek hila ssibu.
Tosca | Iva. Naf min hi. Dak ir-ritratt tal-Markiza Attavanti.

Mario Brava. Qtajt min hi.

Tosca Dan ifisser li int tafha, li tiltaqgha maghha. Fejn? Ghidli fejn? Id-dar taghha? Hawnhekk? Id-dar tieghek? Tigdiblix.

Mario Imma...

Tosca Imma xejn. Wegibni.

Mario Ma hallejtnix inkompli. Iva, rajtha hawnhekk. Darba biss. Il-bierah b'kumbinazzjoni.

Tosca B'kumbinazzjoni eh, Skuza sabieha.

Mario Iva b'kumbinazzjoni. Dahlet il-knisja waqt li kont qed inpingi. Qaghdet gharkuptejha hemmhekk. Ghajnejha f'dak il-hin kienu merfughin lejn is-Sema. Floria... kienet il-Maddalena li kont ili nohlom biha. F'dak il-hin bi ftit pinzellati ghamilt il-figura taghha fuq dik it-tila bla ma ntebhet u bla ma ghidtilha kelma wahda.

Tosca U bhala Maddalena ghax ma pingejtx lili?

Mario Int? Qaddisa? Ahfirli imma int m'intix it-tip.

Tosca U l-Markiza? Tahseb li hi xi qaddisa? Tigri l-hin kollu u titkessah waqt li r-ragel dejjem id-dar.

Mario Floria, ieqaf.

Tosca Jiena nghix ghalik biss u ghalhekk jien aktar onesta.

Mario Naf, naf. Floria, jien ghalhekk inhobbok.

Tosca Imissha tisthi tigi f'dan il-post qaddis biex tpingiha.

Mario Le, le Floria. Int ma tafx x'int tghid. Ejja nitkellmu fuq xi haga ohra.

Tosca Il-Markiza imissha tiehu hsieb tikkonverti lill-dak ix-xellerat ta' huha.

Mario Xellerat?

Tosca Naturali li int tiddefendih. Ghadu tar-Re, bniedem li ma jemmen b'xejn.

Mario Iskot Floria. (Jaghti harsa lejn il-kappella.)

Tosca (Bilqieghda fit-tarf l-iehor) Int qed tehodni bic-cajt u dan lili aktar jirrabjani. Waqt li int imzejjen b'qalb nobbli, is-sentimenti tieghek jaghmlulek ghajb. Int thobb taqra lill-Voltaire. Taf xejn x'qalli ghalik il-konfessur tieghi?

Mario Jaqaw ghidtlu id-dnubiet tieghi ukoll?

Tosca Le, ghidtlu tieghi li huma aktarx bhal tieghek. Qalli biex nitlob l' Alla ghal helsien tieghek. Qalli li l-imhabba profana tigi ppurifikata bl-imhabba sagra.
(Tinstama' tahbita fuq il-bieb.) Iskot.

Mario X'gara?

Tosca Habbat xi hadd.

Luciana Sinjura, Sinjura.

Tosca (Tqum) Luciana, l-kamriera tieghi. Ifthilha Mario.

(Mario jmur jiftah il-bieb.)

Tosca X'gara Luciana?

Luciana Waslet din in-nota minn ghand is-Surmast tal-Orkestra.

Tosca X'inqalghalu issa? Ma nistax noqghod minuta kwieta. Tini l-ittra Luciana.

(Luciana tfittex l-ittra waqt li Mario jaghmel sinjal lill-Angelotti biex jiehu pacenzja ftit iehor.)

Luciana Hekku Sinjura.

Tosca (Taqra) "Ghaziza Floria, id-Duka t'Ascoli baghat itini ahbar ta' ferh Il-Maesta' taghha rceviet ittra minnghand il-General Melas fejn iddeskrivielha l-battalja ta' Marengo kontra Bonaparti..."

Mario Floria tini dik l-ittra. (Ikompli jaqra) Il-battalja bdiet mas-sebh u baqghet sejra sa wara nofs in-nhar meta l-Ezercitu Franciz ra t-telfa tieghu." (Itijilha lura.) Kompli aqra Floria.

Tosca (Tkompli taqra) "Il-Maesta' taghha ordnat li jitkanta Te Deum fil-knejjes kollha u ghalhekk jien rajt li jkun xieraq nissiejbu f'din ic-cerimonja patrijottika. Ghal din l-okkazzjoni jiena ktibt innu f'gieh ir-rebha ta' hutna fuq il-Francizi."

Mario Ipoktita! Fhimtu xejn lill-dan ic-carlatan? Bl-innu li kiteb irid jithabbeb mal-klikka tal-Palazz.

Tosca (Tkompli taqra) "Ghalhekk jien inhoss li l-innu ma jigix apprezzat jekk ma tkantahx int. Il-kor u l-orkestra jinsabu migbura ghall-kuncert u qed jistennew lilek." Ja gurdien xih! Jien x'jinputani mill-innijiet tieghek.

Mario X'inti tghid Floria. Int ma tistax ma tmurx.

Tosca Sewwa qed tghid. Minhabba r-Regina jkolli mmur. Dwejjaq li jkolli nhallik hekk malajr. Issa x'ser taghmel?

Mario Nibqa hawn, inpingi sa ma jidhol il-lejl.

Tosca Imbaghad?

Mario Imbaghad...immur niekol u norqod fil-Villa tieghi.

Tosca Mela almenu nispera li narak ghada filghodu. Nixtieq li nohorgu kmieni. (Tlesti biex tohrog.)

Mario Tajjeb. Allura narak filghodu kmieni.

Tosca Stenna!

Mario X'gara?

Tosca Dik il-figura.... ghajnejha rrilhom suwed. Ghalik xorta wahda hux tassew? Il-Maddalena setgha kella ghajnejha suwed fl-ahhar mill-ahhar.

Mario Kollox sew jekk tixtieq hekk.

Tosca B'hekk ma nahsibx aktar fil-Markiza Attavanti .

Mario Naghmel kif tixtieq ghaziza tieghi.

Tosca Immorru Luciana, ghal ghada mela.

Mario Ghal ghada.
(Floria tohrog ma Luciana. Pawsa zghira u...)
Angelotti. Tista' tigi. Fl-ahhar marret.
X'gherlek habib? Smajtha l-ahbar tal-Battalja.

Angelotti Iva. Dik ir-rebha tfisser il-qerda taghna.

Mario Issa jehtieg li nahsbu fik biss. Il-knisja ser tiftah qabel is-soltu. Bhalissa Ruma ga tinstab ta' taht fuq. Hemm bzonn napprofittaw ruhna qabel jinghalqu l-bibien tal-Belt.

Angelotti Bla ma nistennew lill-Trebelli?

Mario Ma nistghux nitilfu aktar zmien.

Angelotti Naghmlu kif tghid int.

(Tinstema' sparatura ta' kanun fil-boghod)
(Imbazza') X'wahdadin!

Mario Is-sinjal tal-harba tieghek.

Angelotti Stenna. Jista jkun li qed jippruvaw ghac-cerimonja tar-rebha. (Pawsa zghira.)

Mario Le! Osserva...ma sparawx izjed. Tir wiehed. Proprju is-sinjal tal-harba tieghek.

Angelotti U Trebelli allura. Bla dubju gie arrestat.

Mario Habib hawn ma tistax toqghod aktar. Inxi mmorru haffef. Fittex gib mieghek dawk l-ilbies ta' mara li hallietlek ohtok fil-kappella. Minghajrhom zgur ma jirnexxilekx taqbez il-fruntiera. Kif tkun lest ghaddi minn dik in-nava. Jien inkun qed nistenniek fejn il-bieb tal-genb. Minn hemm nitilqu flimkien ghal-villa tieghi. Isa haffef. (Jissamma') Hekku s-Sagristan ga niezel. Il-periklu jinstab naghna.

(Angelotti jmur fil-kappella. Mario jitla mill-gdid fuq il-palk. Jidhol Eusebio.)

Eusebio Smajt Sinjur?

Mario Xi smajt Padre?

Eusebio Dak it-tir tal-kanun.

Mario Iva biex jiffesteggjaw il-festa hux?

Eusebio Le,le. Dak ifisser li harab xi Gakobin mill-kastell.

Mario (Kalm u jkompli xogholu) Jista' jkun.

(Jidhol Gennaro)

Gennaro Smajtuha l-ahbar?

Mario X'gara Gennaro?

Gennaro Angelotti harab mill-Kastell Sant'Anglu.

Eusebio Ah, mela dak ix-xifajk!

Gennaro Ghal dak li jaqbdu hemm elf pjastra... ghal dak li jahbieh hemm il-forka.

Eusebio Dak l-anqas mhu kastig bizzejjed.

Gennaro Wiehed habib ta' angelotti gie mixli bhala komplici minn wiehed kuccier.

Mario Nimmagina li dan gie arrestat.

Gennaro X'jidhrilkom?

Mario U stqarrilhom kollox?

Gennaro X'riedtu jaghmel? Ma felahx ghat-torturi li tawh.

Eusebio Haqqu izjed minn hekk!

Mario (Waqt li jinzel minn fuq il-palk.) Gennaro, il-karrozzella tieghi waslet?

Gennaro Iva sinjur. Fabio qed jistenniek fejn il-bieb il-maggur.

Mario Mur ghidlu jistennieni fil-bieb tal-genb, imbaghad erga ejja halli tisbarazza kollox. Haffef.

Gennaro Sejjer. (Johrog mix-xellug)

Eusebio Allura, sinjur kont smajt bir-rebha ta' Marengo?

Mario Iva. (Waqt li jilbez il-kappa u jhares anzjuz lejn il-Kappella.)

Eusebio Guzeppi ikdubbaha fl-ahhar? (Jidhaq)

Mario Guzeppi? (Jaqbad lill-Eusebio minn spalltu u jmexxieh lejn quddiem tal-palk qiesu qed jiehu nteress.)

Eusebio Iva Guzeppi. Il-Bonaparti tal-kartapesta. Ja buffu li hu.

(Jinstema' l-kancell jinghalaq.)

Mario (Waqt li jiehu nifs qawwi.) Sa fl-ahhar.

Eusebio Ma fhimtekx.

Mario Xejn,xejn. (Biex jaljenah.) Hekku Padre Eusebio. Xi haga zghira ghalik. Il-lejl it-tajjeb. (Itih xi haga tal-flus u johrog mill-lemin minn fejn hareg Angelotti.)

(Waqt li Eusebio jidher ihares lejn il-flus li tah Mario, tinstema' muzika qawwija u minn fuq ix-xellug jidhlu l-ewwel Sciarrone, imbaghad Scarpia, imbaghad Spoletta u zewg suldati li jieqfu fejn il-bieb. Sciarrone jiehu l-ilma mbierek, inewwel b'sebghu lill-Scarpia li b' devozzjoni kbira jaghmel is-Salib fuq mohhu. Sciarrone u Spoletta jaghmlu l-istess. Eusebio jidher inkwetat.)

Scarpia Spoletta, il-bibien mghassa sew?

Spoletta Iva, Eccellenza.

Scarpia — Tajjeb. Issa rridek iddur kull rokna li hawn fil-knisja bla ma taghti fil-ghajn. (Spoletta u wiehed mis-suldati jidhlu mill-lemin. Is-suldat l-iehor u Sciarrone jibqu in xena. Eusebio jdur lura lejn l-istatwa u jinkina quddiem Scarpia.)
Padre Eusebio, ersaq l'hawn jekk joghgbok.

Eusebio — X'ghandek bzonn, Eccellenza?

Scarpia — Int is-Sagristan hux veru?

Eusebio — Iva Eccellenza.

Scarpia — Ifhimni sew. Prigunier harab mill-Kastell Sant'Anglu u ghadda l-lejl hawn. Nahsbu li ghadu mohbi f'dil-knisja.

Eusebio — X'inti tghid Eccellenza! Mohbi hawn? F'dil-knisja?

Scarpia — Fejn hi l-Kappella tal-Familja Attavanti?

Eusebio — Dik ta' wara l-kancell.

Scarpia — Sciarrone, fittex sew. (Sciarrone jidhol bl-ghaggla.) Possibbli Padre Eusebio ma ltqajt ma hadd li kellu bixra stramba jew bezghan?

Eusebio — Le, zgur Eccellenza.

(Jidhol Sciarrone)

Sciarrone — Ma jidher hadd Eccellenza.

Scarpia — (Irrabjat) Wasalna tard. L-rbda sinjal ma hallew?

Sciarrone — Iva. Wara l-artal hemm mera, inqass, xaghar ma l-art u imrewha.

Scarpia — Imrewha ghidt? Halli naraha. (Jidhol ghaliha)

Sciarrone — Hekku Eccellenza.

Scarpia — Ah! Fiha arma markesali. Il-marka tal-Attavanti. Bil-ghaggla hallewha warajhom. Xejn izjed?

Sciarrone — Xejn Eccellenza.

Scarpia — Il-kaz huwa car daqs il-kristall. L-ilbies ta' mara servew biex Angelotti jigi travestit. (Irrabjat) Imma fejn setgha mar? Padre Eusebio inwissik; zgur ma osservajt xejn?

Eusebio — Le Eccellenza. La qabel u lanqas wara li ftaht il-knisja.

Scarpia — Il-knisja ghalaqtha bhas-soltu, bil-muftieh.

Eusebio — Ghalaqt kullimkien barra dak il-bieb. (Jurieh il-bieb tax-xellug.)

Scarpia — U dak ghaliex hallejtu miftuh?

Eusebio — Ghax hawn jibqa'... (Jieqaf imhawwal)

Scarpia — (Insistenti) Min?

Eusebio — Hawn jibqa' l-pittur Cavaradossi li qed jaghmel dak il-kwadru.

Scarpia — Il-pittur Cavaradossi... liberali bhal missieru.

(F'dan il-waqt, Gennaro li jkun dahal waqt dan id-djalogu u rranga l-affarijiet tal-imghallem tieghu, jinzel minn fuq il-palkett, u jaqsam ix-xena biex johrog mill-bieb tal-lemin li minnu hareg Mario.)
Min hu dak iz-zaghzugh?

Eusebio — Dak, Gennaro...

Scarpia — Gennaro, ersaq l'hawn.

Gennaro — X'ghandek bzonn, Eccellenza?

Scarpia — X'ghandek f'idejk?

Gennaro — Qoffa Eccellenza.

Scarpia — Vojta?

Gennaro — Iva. Tista tara b'ghajnejk.

Scarpia Kollox kiel... f'aptitu jidher l-inghallem?

Gennaro Nghidlek is-sew qed niskanta ghax l-inbid dejjem Padre Eusebio jixorbu.

Eusebio (Jipprotesta) Mhux tassew!

Scarpia Iskot Padre. Int Gennaro wegibni ghalli ser nistaqsik. Meta gejt fil-knisja il-Kavalier kien ghadu hawn?

Gennaro Iva Eccellenza.

Scarpia Int Padre sibtu hawn ukoll?

Eusebio Iva lanqas ilu xejn ma telaq.

Scarpia Wahdu kien?

Eusebio Eccellenza, fuq ix-xoghol dejjem wahdu jkun. Ma jara lill-hadd hlief wahda sinjura.

Scarpia Floria Tosca?

Eusebio Iva, nahseb li ghada kemm kienet hawn ghaliex dawk il-fjuri li hemm quddiem il-Madonna qabel tlaqt ma kienux hemm. Is-soltu dejjem hi ggib il-fjuri.

Scarpia (B'ironija) Tosca hija tifla tajba u ghalhekk ma nistax nahseb hazin fiha.

(Spoletta u s-suldat jidhlu

Xi tghilli Spoletta?

Spoletta Xejn. Ebda suspett.

Scarpia (Inkwetat u rrabjat) Kieku lhaqna ftit qabel konna naqbduh. Ghal-issa bizzejjed. Ghandna ma x'hiex inqabbdu difrejna. Ersqu halli nizzu hajr l'Alla tar-rebha li tana fuq l-ghedewwa taghna.

(Tibda l-muzika tal-gheluq. Scarpia jinzel gharkuptejh u l-ohrajn jaghmlu bhalu. Is-siparju jinghalaq bil-mod.)

<u>Tmiem l-Ewwel Att.</u>

ACT TWO



IT-TIENI ATT

(Tinstema' l-muzika.)
Xena:- Il-villa ta' Mario. Sala bil-kolonni u fuq wara jidher gnien imdawwal b'dawl blu. Fuq il-lemin f'post jidher sewwa mill-udjenza jkun hemm bieb. Fuq il-lemin quddiem, l-affarijiet kollha mehtiega minn pittur inkluza mejda zghira. Fuq ix-xellug, sett ta' sufan u pultruni rikk.
Kif jiftah is-siparju ix-xena tidher vijta. Ftit wara jidhlu Mario u Angelotti. Mario ghandu fanal f'idu waqt li Angelotti ghandu f'idu l-hwejjeg ta' mara.)

Mario — Habib, f'din il-villa nistu nitkellmu bla biza'.

Angelotti — Allura dawn il-hwejjeg ta' mara m'ghandix bzonnhom aktar? (Jitfa' l-hwejjeg fuq pultruna.)

Mario — Ghal issa. Aktar tard jista' jkollok tilbishom biex taqsam il-fruntiera. Imma issa li qieghdin hawn nistghu naghmlu ikla tajba u nistriehu ftit.

Angelotti — Tahseb li ninsabu fiz-zgur?

Mario — Tista' sserrah rasek. Ersaq l'hawn. Ara, hawnhekk ninstabu mdawwra bir-rovini ta' Ruma antika. Hawn hemda tal-mewt.

Angelotti — Allura int toqghod hawn?

Mario — Le. Jiena nghix fi Pjazza Spanja fejn ghadu wieqaf il-palazz antik tal-Cavaradossi. Din, biex inghid hekk hija d-dar tal-kampanja tieghi. Fiha sibt kenn tajjeb, imbieghda minn ghajnejn in-nies u specjalment mill-pulizija. Krejtha bil-kundizzjoni li hadd ma jkun jaf li krejtha jien. Kull meta nigi hawn, nipprova nghaddi minn triq differenti. Floria biss taf bil-post u ghal-laqstant hadd m'hu se jghaddilu minn mohhu li jigi jfittex lilek hawn. Fuq kollox hadd ma jaf li ahna hbieb. Fil-knisja ma rana hadd u fit-triq hadd ma waqqaf il-karrozzella. Tibza' xejn. U fl-ahhar mill-ahhar jekk isibuna u jdawwru l-villa bl-ghases ghandi mezz iehor biex nehilsek.

Angelotti — Possibbli?

Mario — Dan il-post huwa mibni fuq ir-rovini ta' villa antika. Fil-gnien ghandi mohba sigrieta. Hares hemm barra. Taht dawk il-kolonni hemm bir vojt. F'qiegh il-bir hemm bhal nicca li fiha wiehed jista' joqghod wieqaf bla ma jbati xejn. Dil-mohba hija mghottija bil-haxix niexef u ghal-hekk difficli wiehed jintebah biha.

Angelotti — Bniedem li sa ftit ilu lanqas kont tafu qed tittrattah daqs l-aqwa habib. Ghentni daqs kieju kont huk.

Mario — Avventuri bhal dawn niehu gost bihom.

Angelotti — Mhux biss twajjeb imma wkoll qalbieni. Taf li qed titkellem b'certa ndifferenza fuq dak li jista' jiswielek hajtek.

Mario — Le le. Il-qawl jghid li meta jinxtered l-inbid wiehed ghandu jixorbu. Ejja nistuljaw ftit il-kaz taghna. Scarpia, bla dubju bhal issa ga baghat lin-nies tieghu ifittxuk u ghalhekk ma jistax ikun li inti tohrog il-barra hekk malajr. Hemm bzonn nahsbu pjan tajjeb waqt li nkunu qed nieklu. Qabel, irrid nurik il- mohba tieghi.

(Jinstema' bieb jinghalaq.)

Angelotti — Smajtu dal-hoss?

Mario — Iva, nahseb li giet Floria. Hija biss ghanda c-cavetta.

Angelotti — Zgur minn dan?

Mario — Iva.

Angelotti — Tahseb li sejra tfixkilna?

| | |
|---|---|
| Mario | Xi ftit. Ara x'naghmlu. Int mur dur dawra mal-gnien ara dak il-bir u jekk tista' inzel go fih halli tara sewwa l-mohba tieghek. Minn hawn u ftit iehor insejjahlek. |
| Angelotti | Tajjeb. |
| Mario | Ghaddi minn hawn. |
| | (Angelotti johrog u tidhol Floria. F'salt wiehed tieqaf bhal wahda suspettuza.) |
| Mario | (Waqt li jaqbdilha idha) Floria! |
| Floria | (Thares fiss lejh u b'lehen irpusat..) Fixkiltek? (Tnehhi l-kappa li jkollha fuqha.) |
| Mario | Le, imma qed tinkwetani. X'gaghlek tigi hawn f'dan il-hin? |
| Floria | Il-kurzita'. Ridt naraha. |
| Mario | Lil min? |
| Floria | Lill-mahbuba tieghek. |
| Mario | Ah! Allura l-ghira gaghbitek hawn? |
| Floria | Ghidli fejn qieghda... tghidlix li mhix hawn. |
| Mario | X'int thawwad. Ghal min qed tghid? |
| Floria | Ga ghidtlek. Ghal mahbuba tieghek. Ghal Markiza Attavanti. (Bid-dahqa) |
| Mario | Qed terga tohlom biha? |
| Floria | Iva. Bhalissa tinstab hawn..mohbija x'imkien. (Tilmah il-libsa li halla Angelotti.) Hekku l-libsa taghha. (Tiehu l-libsa f'idejha.) |
| Mario | Ha, ha, ha... |
| Floria | (B'sarkazmu) Mhix taghha dil-libsa? Jaqaw tieghek ghall-Karnival? |
| Mario | (Jersaq lejha) Ismaghni Floria. Jekk tikkalma nispjegalek kollox. |
| Floria | (Titwarrab minnu) Naf x'ser tghidli. Qieghda tigi hawn biex tpingiha. Sewwa qed nghidlek? Miskina. Tghamilha tal-Maddalena. |
| Mario | Iva hallini nfehemek. |
| Floria | Hemm qieghda f'dik il-kamra. Ma niskantax li ma tridx turi lilha nfisha lili.( Taghti pass ghal kamra.) |
| Mario | Floria!... |
| Floria | Wegibni. Xi tfisser din l-imrewha? (Turihielu) Din hallietha warajha fil-kappella tal-Knisja fejn qed tpingi int. |
| Mario | Int mignuna.. iva mignuna. |
| Floria | Li ma kontx mignuna ma kontx inhobb zaghzugh viljakk u egoista bhalek. Int qed tidhaq bija l-hin kollu. |
| Mario | Trid thallini nfehemek? |
| Floria | Bniedem bla misthija. U jien ma kontx qieghda nghix hlief ghalik. Ghalija int kont tfisser kollox. Dik ix-xellerata serqitek minn taht idejja u jien li naf b'dan kollu inkompli nhobbok. Kemm jiena xortija hazina. (Taqa' bilqieghda fuq is-sufan u tahbi idha f'wiccha.) |
| Mario | (Kalm ipoggi bilqieghda hdejha.) Spiccajt? Thallini nghidlek kelma wahda.? (Jaqbdilha id wahda waqt li hija bl-ohra tixxotta demgha.) |
| Floria | Int qalbek iebsa! |

Mario — Dik il-libsa tassew hija tal-Markiza.

Floria — (Tqum b'salt bilwieqfa) U ghandek il-wicc tghiduli f'wicci?

Mario — (Bil-hlewwa jghalha toqoghd bilqieghda) Kompli ismaghni. Dik il-libsa ma gaghbitiex hawn il-Markiza, imma wiehed sfortunat mahrub mil-habs. Dik il-libsa jrid jinqeda biha biex jahrab mil-fruntiera.

Floria — Habsi? Jaqaw huwa? Cesare Angelotti?

Mario — Iva.

Floria — U fejn jinsab bhal issa?

Mario — Hemm isfel, fil-gnien.

Floria — Ittini l-kelma tieghek li qed tghidli l-verita'?

Mario — Iva.

Floria — (Tghannqu maghha) Ahfirli. Hsibt li kont qed tqarraq bija.

Mario — Sa fl-ahhar bdejt tirraguna.

Floria — Imma inti tassew qed tghidli l-verita'?

Mario — Ser terga tibda? Imxi mmorru narawh. (Jigbidha minn idha.)

Floria — Le, m'hemmx ghalfejn.

Mario — Hemm arah fejn il-bir. Hares ftit.

Floria — (Ghall-ewwel ma tharisx) Jekk qed nghidlek li m'hemmx ghalfejn! Il-kelma tieghek hija bizzejjed. (Imbaghad taghti daqqa t'ghajn) Iva, hemm qieghed. Rajtu.

Mario — (Bi tbissima) Tahfirli issa?

Floria — Jiena ghandi notelbok mahfra. Int qed tilghab hajtek biex tehles wiehed sfortunat. Imma kemm inti twajjeb Mario! Kemm inti ahjar minni! Ikkumpatini. Jiena nhobbok bhal wahda mignuna. Eh, kieku thobbni daqs kemm inhobbok jien.

Mario — Floria!

Floria — Le,le. M'hinix ser nerga nibda. Issa li sirt naf il-verita' ma nahsibx hazin fik aktar. Ghidli, bi hsiebu jdum hawn?

Mario — Min? Angelotti?

Floria — Iva.

Mario — Il-lejl kollu. Mas-sebh bi hsiebni nharrbu mill-Belt.

Floria — Allura nista' nibqa' hawn jien ukoll.

Mario — Le, Floria. Ma rridx li int ikollok x'taqsam f'din l-avventura.

Floria — Imma jien rrid nghinkom.

Mario — Le, le isma minni, mur lejn darek.

Floria — Wahdi?

Mario — Hemm bzonn. Il-karozza qed tistenniek?

Floria — Hallejta ftit il-boghod minn hawn. Ridt nissorprendik.

Mario — Il-kuccier jista' jigi jwasslek.

Floria — Meta nerga narak?

Mario — Ghada filghodu wara li nehles lill-Angelotti.

Floria — (Donnu jghaddilha hsieb ikrah) Alla tieghi!

Mario — X'gara Floria?

Floria — Qed nirrealizza li jistu jarrestawkom it-tnejn flimkien.

Mario (Jghinna tilbes il-kappa) Tista' sserrah rasek. Xejn m'hu ser jigri minn dan. Ghada filghodu stennieni kmieni.

Floria Iva. Kemm tista' ddumx. Inkun inkwieta nistenniek.

Mario (Jiehu l-imrewha minn fuq il-mejda) Jigifieri din l-imrewha mlietlek rasek.

Floria Ma kellix ragun?

Mario Din serviet biex il-kostum ikun komplit.

Floria Minn kien jobsru dan? Nista nkellmu?

Mario Lil Angelotti. (Jersaq fil-fond) Jekk trid. Hemm isfel qieghed, jistudja l-mohba tieghu biex jekk jigu fuqna ghall-gharrieda ikun jista' jistahba. Imma, qed nahseb, allura int ergajt lura l-knisja wara li jiena tlaqt.

Floria Le.

Mario (Jiqaf) Kif jista' jkun? L-imrewha kif tinstab f'idejk?

Floria Hu kien li... (bhal milquta minn sajjetta) X'wahda din! Issa qed nifhem.

Mario X'gara?

Floria Alla tieghi. Allura l-pulizija qieghda tfittex lil Angelotti?

Mario M'hemmx dubju.

Floria U Scarpia ghandu x'jaqsam f'dan?

Mario Dazgur.

Floria Fhimt kollox. Kienet nasba.

Mario X'int tghid? Nasba ghidt?

Floria Iva. Scarpia kien li dahhalli dawk is-suspetti fuqek. Ftit ilu hu kien li tani dik l-imrewha. Qalli li sabha fil-knisja fejn inti kont qed tpingi. Hu hajjarni biex nigi nissorprendik f'din il-villa li huwa ma jafx fejn tinsab.

Mario Scarpia?

Floria Iva. Inqeda bija biex isir jaf fejn hi l-villa sigrieta tieghek.

Mario (Imhawwad) U rak gejja hawn?

Floria Nibza li baqa' gej warajja.

Mario (Iddisprat) Disgrazzjata! X'ghamilt b'idejk!

(Jinstenghu ilhna)

Floria Iskot. Qed tisma'?

Mario Iva. Qed nisma kliem fil-boghod.

Floria (Imbazza tisma l-vucijiet jizdiedu.) X'wahda din! Waslu! Alla tieghi!

Mario (Jersaq barra mill-kolonni) Angelotti! (Pawsa zghira, imbaghad Angelotti jidhol 'in xena)

Angelotti X'gara habib?

Mario Inqbadna! Il-villa tinsab imdawra bl-isbirri. Scarpia jinstab hawn.

Angelotti X'ser naghmlu?

Mario Jinhtieg tinheba' fil-bir. M'hemmx x'naghmlu.

Angelotti Tajjeb. Nahliflek li jekk isibuni ma jtellhunix haj minn hemm isfel.

Mario Mur habib u ghamel kuragg. (Angelotti jitlaq) Inti Floria jehtieg izzomm ruhek kalma; qisu ma gara xejn, fhimt?

Floria Il-htija ta' dan kollu m'hu hadd hliefi.

(Scarpia jidhol-in xena mas-segwaci tieghu waqt li tinstama' muzika qawwija mill-opra.)

Mario — Nista nkun naf Sur-Baruni xi tfisser iz-zjara tieghek f'hinijiet bhal dawn?

Scarpia — (Kalm, jippassigga b'idejh wara) Tfisser id-dmir tal-kariga tieghi. Hawn gew irid ikun hawn mistohbi prigunier mahrub mill-Kastell Sant-Anglu.

Mario — Sur Baruni, sa fejn naf jien fil-villa tieghi m'hawn hadd mistohbi.

Scarpia — Ahna ghalhekk nistabu hawn biex naraw.

Mario — Dan ifisser li int gejt taghmel tfittxija f'dari?

Scarpia — Mhux biss. Jehtieg nghamillek ukoll xi mistoqsijiet.

Floria — Sur Baruni intik il-kelma tieghi li m'hawn hadd mistohbi. Dit-tfittxija jien ghamiltha qablek. Ghajnejn mara ghajjura ma tantx jitqarrqu.

Scarpia — Forsi ghajnejn il-Kummissarju jaraw ahjar. Ersaq, ersaq Sciarrone (li Jidhol minn wara) X'ghamilna? Sibna xi haga?

Sciarrone — Xejn eccellenza, ebda sinjal.

Scarpia — Fil-gnien fittixtu sewwa?

Sciarrone — Iva kullimkien.

Scarpia — Il-villa mghassa tajjeb u ghalhekk m'ghandniex biza' li jahrab. Il-prigunier hawn irid ikun.

Sciarrone — Ahna nkomplu nfittxu biex inkunu zguri.

Scarpia — Mario Cavaradossi, bhal ma qed tara ga sar hafna hin. Int tista' tghinna billi tghidilna fejn hu mohbi.

Mario — Jien?

Scarpia — Iva u jekk joghgbok iddewwimniex.

Mario — Haga wahda nista' nghidilkom. Angelotti mhux fid-dar tieghi.

Scarpia — U jiena nghidlek li qieghed hawn. Intant jekk joghgbok imxi fil-kamra l-ohra biex twegibni ghal-mistoqsijiet li ser naghmillek.

Mario — U ghaliex mhux f'dil-kamra?

Scarpia — Bis-sahha li taghtini il-Ligi nista' nwiegbek: 'Ghax hekk irrid! Imma mieghek irrid inkun aktar moderat u nghidlek li s-sinjorina ma rridhiex tisma dak li ser nistaqsik. Minn hawn u ftit iehor trid twiegeb hija wkoll.

Mario — Is-Sinjorina taf xi haga anqas minni.

Scarpia — Sciarrone,hu lis-sinjur f'dik il-kamra.

(Sciarrone jaghti moviment u jaghmel sinjal lis-suldati.)

Mario — Tnissunix! Ersqu lura. Naf immur wahdi. (Jidhol mil-bieb tal-lemin segwit minn zewg suldati u Sciarrone li qabel jidhol...)

Scarpia — Sciarrone sakemm insejhilkom tista' tghamillu l-mistoqsijiet tieghek. L-interrogatorju rridek taghmlu skond kif nordnalek minn din il-kamra. Bla dubju dawn isiru skond kif twiegeb is-sinjorina. Mur ghamel li ghidtlek.
(Jinghalaq il-bieb)

Floria — (Filwaqt li tilghab bl-imrewha) Skond kif inwiegeb jien ghidt?

Scarpia — Precizament.

Floria — X'nista nwiegeb fuq hwejjeg li ma nafx?

Scarpia (Bi tbissima) Ara jien u int nistghu nitkellmu bhala zewgt ihbieb. (Jiehu siggu u jistieden lilha tpoggi izda ma toqghodx) Nistghu nibdew it-tahdita taghna mnejn hallejniha f'Palazzo Farnese. Jigifieri dik l-imrewha dahqet bina? Ma kellha ebda siwi?

Floria Dan int kont tafu tajjeb.

Scarpia Ghandek ragun. Jiena halt zball. Minnflok kienet mara kien ragel. Mario Cavaradossi ma kellux mieghu lill-Markiza izda lill-huha.

Floria Ghandek zball. La kellu lill-wiehed u anqas lill-ohra. Cavaradossi kien wahdu.

Scarpia (Inkrepattiv) Zgura minn dan?

Floria (Nervuza) Iva, zgura.

Scarpia (Kalma) Ikkalma sinjorina ikkalma. Jiena fhimt kollox. (Idur lejn il-bieb) Sciarrone!

(Il-bieb jinfetah)

Sciarrone Eccellenza!

Scarpia X'qalilna l-Kavalier?

Sciarrone S'issa xejn.

Scarpia Baqa' jichad?

Sciarrone Iva Eccellenza.

Scarpia (B'lehen aktar ahrax.) Kompli, kompli taqtax qalbek.

Floria (B'lehen ta' rebbieha) Billi jkompli mhux ser igghalu jghid dak li mhux minnu.

Scarpia (Lil Floria) Poggi bilqieghda. (Tpoggi)
Meta rajt lill-Kavalier l-ewwel darba mill-ewwel pingejt il-karattru tieghu. L-ostinazzjoni tieghu kienet tidher cara. Sinjorina nittama li int izjed ragjonevoli minnu.

Floria Allura tridni nghid xi kelma b'ohra biex nikkuntentak?

Scarpia Le dan jien ma rridux. Jekk int tghid il-verita' tkun qed thaffef it-tbatija ta' Mario Cavaradossi.

Floria (Tqum) X'jigifieri? Xi trid tghid? (Imbazza') X'inhu jigri f'dik il-kamra?

Scarpia Haga semplici hafna. Il-Kavalier qed jigi mistharreg skond il-Ligi.

Floria (Inkwieta taghti pass lejn il-kamra) Irrid naf x'inhu jsir.

Scarpia (Izommha) M'hemmx ghalfejn. Dan nista' nghidulek jien. Il-Kavalier bhal issa jinstab marbut ma siggu, f'rasu ghandu morsa tal-hadid bi tliet ponot...

Floria (Imwerwra) Alla tieghi! Ghaliex dan?

Scarpia Kull darba li jichad li jitkellem dik il-morsa tintrass ma rasu u dawk it-tliet ponot jidhlu aktar il-gewwa.

Floria (Tghajjat u tibki) Nies bla qalb! Ieqfu. Ieqfu. Tkomplux izjed!

(Waqt li tipprova tehles hu ghadu jzommha.)

Scarpia Titkellem int minnfloku?

Floria (Kwazi bla nifs) Waqqafhom! Ghidilhom jieqfu!

Scarpia (Jitlaqha u b'lehen gholi) Roberti, ieqaf ftit. Holl kemm kemm dik il-morsa.

(Mario jinstama' jokrob)

Floria Mhux bizzejjed. Ftit iehor, ftit iehor.

Scarpia Hollha ghall-kollox.

(Jinfetah il-bieb)

Sciarrone Mahlula Eccellenza.

Scarpia — Obdejnik Sinjorina.

Floria — (Imbikkija) Alla tieghi! X'kastig missu lill-imsejken Mario. Nies vili. M'hinin nemmen li dik il-morsa mhix trosslu rasu aktar. Irrid narah. (Waqt li tipprova tigri ghall-kamra jimbarralha l-bieb Sciarrone.)

Scarpia — Mhux ghallissa Sinjorina.

Floria — Irrid nidhol f'dik il-kamra.

(Sciarrone jidhol u jghalaq il-bieb)(Floria tibki u thabbat fuq il-bieb.)

Floria — Ifthuli, ifthuli. Mario, kellimni, wegibni. Kelma wahda, wahda biss! (Pawsa) Inthom qtiltuh.

Scarpia — Le. Bhalissa ghadu ma giex f'tieghu.

Floria — Mario, Mario!

Mario — (Minn gewwa b'lehen dghajjef) Floria!

Floria — Mario!

Mario — Tibzax... il-kuragg ma jonqosnix.

Floria — Qieghdin iwegghuk? Tkellem!

Mario — Le, le. Kuragg ghaziza tieghi, kuragg.

Floria — X'lehen! Int qieghed issofri! Imma kif jista' jkun li tittorturawh b'dan il-mod? Mario huwa tant twajjeb! Dawk il-ponot tal-hadid qed inhosson dehlin fl-ghadam. X'wahda din! U dawn jissejhu nies li jittorturaw kreatura b'dan il-mod? U int bhal mostru titpaxxa, tistenna d-demm unan jinxtered mal-art.

Scarpia — (Bi tbissima malizzjuza) Le, le Sinjorina. Bhal issa qed nammirak. Int tassew artista. Ejja nkomplu nitkellmu fuq il-Kavalier. Ftit ilu smajtu jghid 'il-kuragg ma jonqosnix'. Dan ifisser li mhux bi hsiebu jghidilna kelma wahda.

Floria — Ghalih ahjar imut milli....

Scarpia — Naf,naf. Jien zgur minn dan.

Floria — La darba taf li m'hu ser jghidilkom xejn, tista' tibghatu hieles. Inthom lesti minnu. Mhux veru?

Scarpia — Lesti? Jisghobbija nghidlek ghadna ser nibdew.

Floria — (Imbazza') Le! Tergu tittorturawh? Bla ma tistu tiksbu ebda tgharif?

Scarpia — (Dahkan) Sejra zball Sinjorina. Ahna naghmlu l-mistoqsijiet lilu u twiegeb int.

Floria — Jien?

Scarpia — Iva int. Oqghod attenta, ghaliex kull darba li inti ma twegibx, dik il-morsa tintrass mill-gdid ma' ras il-mahbub tieghek.

Floria — Int bojja!

Scarpia — Le. Bojja tkun int jekk ma twegibx. (B'lehen gholi) Roberti, mill-gdid.

(Mario jistama' jokrob minn gewwa)

Floria — Assassin.. (Scarpia jdur lejha bil-herra) Le, le, ahfirli. Ikollok hniena Eccellenza. Dan ma niflahx ghalih, le ma niflahx... (Tibki)

Scarpia — Wegibni. Fejn jinstab Angelotti?

Floria — Ma nafx.. ma naf xejn. Kif tridni nkun nafu dan?

Scarpia — (Waqt li jaghmel sinjal b'idu..) Sciarrone!

Floria — (Tigri lejh, tnizzillu idu u tghid. ) Le, stenna. Li nitlef lill-mahbub tieghi biex nehles lill-haddiehor ma jkun qatt. Twichdni li ma taghmlulu xejn? Ahlifli!

(Scarpia jerga jaghmel sinjal biex Sciarrone jidhol u jaghlaq il-bieb.)

Scarpia L-ewwel irridek twegibni. Isa, qed nistenniek. Haffef.

Floria Xi tridni nwiegbek? Ghidli,xi trid? Jien ma naf xejn. Staqsini. Biex nehilsu lesta naghmel kollox.

Scarpia Tajjeb. Ismaghni. Meta inti gejt hawn kien hawn ragel iehor. Hux veru?

Floria Le!

Scarpia (Ghajnejh mimlija rabja jghajjat..) Sciarrone!

Floria Stenna, stenna! Halli niftakar. Mohhi nhossu vojt. La darba qieghda nwiegeb jien ghalih. Imma qabel xejn, iftah dak il-bieb.

Scarpia Dak ir-ragel kien Angelotti, veru?

Floria Le. Zgura li ma kienx hu.

Scarpia (Ironiku) Kien hutrid tghid.

Floria Le. Ghidtlek li le.

Scarpia Il-mod li bih qed tghidli 'le' tfisser 'iva'.

Floria Int qalbek iebsa. Ghad trid taghti kont 'l Alla ta' dak li qed taghmel. Jien ma naf xejn. Forsi trid tkun taf jekk nafux.

Scarpia Irrid naf fejn hu mistohbi.

Floria Bhal issa jinsab il-boghod hafna minn hawn.

Scarpia Le. Il-villa hija mdawwra bl-ghases u ghalhekk ma setax harab minn hawn.

Floria Int ma temmen xejn minn dak li nghidlek.
(Jinstama' Mario jghajjat minn gewwa.)
Qed jghajjat mill-gdid. Qed jergu jittorturawh.

Scarpia Le!

Floria Iva, iva. Smajtu jghajjat.

Scarpia Intik il-kelma tieghi li le. (Pawsa) Qed tara? Ejja nkomplu. Tahseb li qieghed mistohbi x'imkien f'dal-kmamar.

Floria Kieku kien hawn ma kienx ihalli lill-dak li jrid jehilsu jigi ttorturat b'dan il-mod.

Scarpia Dan ifisser li l-Kavalier Cavaradossi irid jehilsu.

Floria Le!

Scarpia Dan ghadek kemm ghidtu inti stess.

Floria Jiena ghidt dak li qed iggghalni nghid int. Bhalissa ma nafx x'qed nghid.

Scarpia Angelotti jinsab mohbi hawn zgur. Ghidli fejn hu. Haffef. Ma nistax nistenna izjed.

Floria Ma nafx.

Scarpia (Jersaq lejn il-bieb) Roberti!

Floria (Imbazza') Le,le! Angelotti jinstab...

Scarpia Fejn? Ghidli fejn jinstab?

Floria (Tibki) Ma nistax. Emminni. Ma nistax. (Taqa' bilqieghda)

Scarpia (Jinkina ghal fuqha u bil-hlewwa) Isa, ghamel kuragg. Jekk tghidli il-mahbub tieghek jigi mehlus.

Floria Le! Jekk naghmel dan ma jahfirli qatt.

Scarpia Ghidli bil-mod. Hadd ma jkun jaf xejn. Isa kuragg.

Floria (Tibki) Qabel nghidlek irrid inkellmu.

Scarpia Ghalfejn?

Floria — Wara li nkellmu nghamel lak kollu li tghidli, imma qabel irrid narah, irrid inkellmu. Nitolbok.

Scarpia — Roberti! Ieqaf ftit! Sciarrone! Iftah il-bieb!

(Sciarrone jiftah u jibqa' wieqaf hdejn il-bieb. Scarpia jinstab fin-nofs u Floria fuq ix-xellug. Mument ta' hemda anzjuza. Floria tixxotta l-gharaq minn fuq gbina u tidher li trid tigri lejn il-bieb. Scarpia jzommha.)

Scarpia — Le stenna. Minn hawn biss tista' tarah.

Floria — Mario, ghaziz tieghi, qed tisnaghni?

Mario — (Minn gewwa bl-lehen ta' wiehed mugugh) Iva!!

Floria — Mario, int ma tiflahx issofri izjed u anqas jien. Qalbi ma tiflahx aktar. Tassew li int tkellimt? Ghidli li hu veru halli jiena nghid b'kollox.

Mario — U xi trid tghid? Int ma taf xejn.

Floria — Mario...

Mario — (Bi sforz) Ghidtlek int ma taf xejn!

Floria — (Imbikkijja, gharkuptejha f'nofs ix-xena, b'idejha nghaqqdin flimkien merfughin lejn Mario.) Jiena ma nistax inhallik tibqa' ssofri. It-torturi tieghek qed insofrihom jien ukoll. Ghaziz tieghi. Qed nitolbok bil-hniena. Ghidli li nista' nitkellem.

Mario — (Jghajjat) Le,le,le...int m'ghandek xejn xi tghid. Ma rridekx tiftah halqek.

Floria — (Iddisprata) Jekk ma nitkellimx, joqtluk.

Mario — Ghidtlek ebda kelma.

Scarpia — (B'qilla kbira) Roberti! Erga ibda u tieqafx izjed.

(Jarga jinghalaq il-bieb minn Sciarrone li jidhol.)

Floria — (Gharkuptejha ddur lejn Scarpia) Le! Nitkellem.

Mario — Jekk tghid kelma wahda, nishtek.

Floria — Alla tieghi! Ghaliex?

Scarpia — Roberti! Ross,ross izjed!

Floria — (Titkaxkar gharkuptejha lejh u kwazi twerzaq) Le, thallihomx!

Scarpia — (Jinkina ghal fuqha) Ghidli fejn hu Angelotti...

Mario — (Jghajjat bl-ugieh minn gewwa) Aaahh!

Floria — (Bla nifs.) Ma niflahx nisimghu aktar. Ma niflahx. Nghidlek kollox.

Scarpia — Roberti ieqaf!

Floria — (Turieh il-gnien ) (B'lehen baxx..) Hemm, hemm jinstab, fil-gnien.

Scarpia — Fil-gnien?

Floria — Iva... fil-bir.

Scarpia — Sciarrone!

Floria — Issa li ghidtlek kollox, tini lil Mario.

Sciarrone — (Jiftah il-bieb) Eccellenza!

Scarpia — Holluh. Tistu iggibuh hawn. Is-Sinjorina tkellmet.

(Sciarrone jidhol. Tinstama muzika mill-opra u ftit wara iz-zewg suldati johorgu lil Mario. Fuq mohhu jidher il-demm. Floria tigri lejh u tghinnu minn spallejh. Is-suldati jitilquh. Floria tressqu lejn pultruna u Mario jaqa' fuqha mitluf minn sensih. Sciarrone johrog fil-gnien mas-suldati.)

Floria — (Tixxuttalu mohhu) Mario, ghaziz tieghi!

Mario (Jiftah ghajnejh u b'nifs batut..) Ma tkellimtx, hux tassew?

Floria Le,le.

Mario Minn ghandi ma hadux kelma wahda.

Floria Anqas minn ghandi.

(Mario jerga jintelaq. Floria tibki u tbuslu jdejh. Sciarrone jitfacca mill-gnien.)

Scarpia Ghaddi, ghaddi Sciarrone.

Sciarrone Eccellenza!

Scarpia Sibtuh?

Sciarrone Iva imma mejjet.

Scarpia (Irrabjat) Mejjet?

(Is-suldati jgibu l-katavru ta' Angelotti hdejn il-kolonni fuq wara tax-xena. Mario jiftah ghajnejh waqt li Floria tipprova tghattilu din ix-xena billi toqghod quddiemu.)

Sciarrone Nahseb li qatel ruhu b'idejh.

Mario Fuq min qed tghidu? (Jisforza biex iqum u javanza) (Jilmah il-katavru.) Halluni mmur nara minn hu.

Scarpia (B'lehen ta' wiehed rebbieh) Angelotti!!

Mario Iva, hadd hliefu. (B'harsa ta' qilla) Floria, inti tkellimt.

Floria Iva. Tkellimt biex nehles lilek.

Mario Mara mishuta. Tbieghed minni. Ma rridx narak izjed. Kont int li qtiltu.

Floria Iva. Imma biex nehles lilek minn dawk it-torturi.

Scarpia Sciarrone, lil Kavalier Cavaradossi tistu tehduh maghkom. Dan huwa komplici.

Floria (Imwerwra) X'ser taghmel? Int wieghdtni li tehilsu.. li tibghatu.

Scarpia (Jidhak) Fuq il-forka!

(Floria tigri ghal fuq Scarpia. Trid tghidlu xi haga imma lsienha jzommilha. Thares lejh bhal mignuna u taqa' fl-art mitlufa.)

Sciarrone U lis-Sinjorina narrestha ukoll?

Scarpia Iva ukoll.

(U fuq dan il-vers Scarpia johrog malajr il-barra u s-suldati johorgu immeljatament warajh b'Mario.)
(Muzika.)

<u>Gheluq it-II Att</u>

ACT THREE



## It-Tielet Att

### L-Ewwel Parti

Xena- Kamra f'Kastell Sant'Angelo. Fuq ix-xellug jidher ginokkja b'kurcifiss fuqu. Fil-faccata bieb fi tnejn li jidhlu w johorgu minnu. Fuq il-lemin, skrivanija. Fuq quddiem fuq ix-xellug ,mejda ckejkna armata ghac-cena. Fuq il-lemin tal-mejda, divan zghir.

(Jidher li ghadu bil-lejl. Ix-xena tidher imdawwla biss minn kandilabru bi tlieta li jkun fuq il-mejda. Sciarrone jidher iservi c-cena lill-Scarpia. Tinstema' bicca muzika mill-opra.)

Scarpia — Sciarrone!

Sciarrone — Eccellenza....

Scarpia — X'hin sar?

Sciarrone — Ghadhom kemm kantaw il-matutin.

Scarpia — Il-hemda li hawn donnu ghadu ma sebahx.

Sciarrone — Tassew... hemda perfetta.

Scarpia — Il-prigunier fil-kappella qieghed?

Sciarrone — Iva, qieghed mal-fratelli tal-Buonamorte. Il-prigunier ghadu jsotni li huwa qeda dmiru bhala bniedem onest... jghid li ghalih li jghin vittma tat-tirannija huwa dmir qaddis u ghalhekk m'ghandux ghalfejn jitlob mahfra.

Scarpia — (Waqt li jiekol) Din hija d-dottrina sabieha tal-Gakobini.

Sciarrone — Il-fratelli issa qatghu qalbhom minnu. Hallewh wahdu... hsieb ruhu.

Scarpia — U x'qal il-kavallier?

Sciarrone — Xejn...imtedd u raqad qiesu mhux hu.

Scarpia — Qed ihejji ruhu sabieh ghall-mewt...ser jaghmel mewta ta' veru nisrani, ha, ha, ha.

(Ihabbat il-bieb u jidhol Spoletta)

Spoletta — Eccellenza!

Scarpia — Ghaddi Spoletta. X'ghandek xi tghidli? X'qal il-Gvernatur?

Spoletta — Fil-hin li wasalt jien, l-Eccellenza tieghu kien imdawwar b'hafna nies f'Palazzo Farnese u ma tantx setgha jarani. Imma kellimni ftit bis-serqa u x'hin ghidtlu li rnexxielna naqbdu lill-Angelotti deher kuntent. Baghat jifrahlek ghall-dan l-agir.

Scarpia — Hekk biss?

Spoletta — Le. Baghatlek din l-ordni iffirmata minnu stess.

Scarpia — (Jiehu l-messagg u jaqra waqt li jitbissem sarkastikament "Il-Kavallier Mario Cavaradossi ghandu jigi ffucillat ma' tlugh ix-xemx."
Tajjeb wisq. Sciarrone, qieghed nahseb, Angelotti jehtieg li jigi mdendel fuq il-forka. Ghan-nies hemm bzonn li dan jidher li nehhejnih ahna u mhux li sibnieh mejjet... inkella jkun ezempju hazin hafna ghal nies mill-aghar bhal dan. Irrid li gismu jibqa' mdendel sa wara l-quddiesa kantata. B'hekk Ruma tkun tista' tarah sewwa.

Wara imbaghad, itfghu f'xi fossa fejn jiekluh il-klieb. Bniedem bhal dan mhux xieraq jindifen f'art imbierka.

Sciarrone Naghmel kif tghidli Eccellenza... U l-iehor x'naghmel bih?

Scarpia Dwar Cavaradossi issa naraw. Spoletta, is-Sinjorina fejn qieghda?

Spoletta Maqfula fil-kamra fejn ghidtli int Eccellenza.

Scarpia Ghada furjusa?

Spoletta Xi ftit anqas minn qabel.

Scarpia Spoletta irrid nara lil Tosca hawn. (Spoletta jsellem u johrog) Int Sciarrone tista' tmur tiehu hsieb dak li ghidtlek.

(Sciarrone johrog. Pawsa u ftit muzika. Jidhol Spoletta u jintroduci lil Tosca. Jerga johrog u jaghlaq il-bieb warajh. Floria tidhol in xena bla kliem, tidher pallida u tmur tistrieh ma dahar is-divan. Thares madwarha.)

Scarpia Sinjorina, oqghod bilgieghda. Nahseb li tixtieq tkun taf fejn tinstab hux tassew? Tajjeb. Int l-istess bhal Cavalie. Cavaradossi tinstab fil-Kastell Sant'Anglu, ezatt ezatt fl-appartament tieghi. Wara lejla bhal din nahseb li int ghajjiena hafna u ghalhekk nixtieq li toqghod hawn u taqsam mieghi din ic-cena.

Tosca Le, ma rrid xejn. (B'disprezz)

Scarpia Jaqaw qieghda tahseb li tfajtlek il-velenu? Le, le dawk drawwiet ta' zmienijiet ohra. Ahna ma ninqdewx b'veleni.

Tosca Tinqdew bil-giljottina.

Scarpia (Jitbissem) Dik ninqdew biha meta jkollna f'idejna xi assassin. Ghax-xewwiexa u ghall-komplici taghhom ghandna l-forka jew il-fucillazzjoni. Dawn ninqdew bihom skond il-bzonn. (Floria taghmel reazzjoni) Qieghda tissorprendi ruhek? Tahseb li l-Cavalier ser jigi mressaq quddiem xi Tribunal?

Tosca (Ferhana) Kif? Mhux ser jigi ggudikat?

Scarpia Le, le. L-Eccellenza tieghu il-Gvernatur haffifa hafna l-procedura ghax issa m'ghandniex zmien x'nitilfu. (Iqum) Ersaq l'hawn u hares lejn dawk in-nies qrib il-pont. Taf xejn x'inhuma jaghmlu? Qed jibnu forka ghal tnejn minn nies. Wiehed minnhom ga jinstab mejjet... l-iehor ghadu haj mimli bl-ghomor.

Tosca (Imbazza) Ghal Mario qed tghidli?

Scarpia Iva. Kieku rrid dan il-kwadru nkompli nsebbhu billi ma dawk it-tnejn nibghat lilek ukoll. Dan m'hinix ser naghmlu, m'hinix ser incahhad lir-Rumani mill-idolu taghhom. Le, Floria. Dan l-ispettaklu mhux ser ikun imzejjen bil-prezenza tieghek. Il-karrozzella qed tistenniek fil-bieb tal-kastell. Int hielsa mill-gdid.

Tosca (Tigri lejn il-bieb ferhana) Hielsa!! Allura nista' mmur

Scarpia (Floria tieqaf u hu joqghod mill-gdid fejn il-mejda.) Stenna! Dik l-ghajta ferrieha naf xi tfisser. Mhux il-hsieb li int hielsa mill-gdid qed jaghmlek ferhana. Bhalissa ghaddej minn mohhok il-hsieb li minn hawn

int tibqa' sejra Palazzo Farnese u hemm tinxtehet gharkuptejk quddiem ir-Regina biex titlobha l-grazzja ghall-gharus tieghek. Sewwa qed nghid?

Tosca Iva!

Scarpia (Jiehu l-messagg tal-esekuzzjoni u jpoggih quddiema fuq il-mejda.)
B'xorti hazina hawnhekk ghandi ordni minnghand il-Gvernatur. Ismaghha. "Il-Kavalier Mario Cavaradossi ghandu jigi ffucillat ma' tlugh ix-xemx." Dan ifisser li meta tasalli l-ordni ghall-helsien tal-mahbub tieghek minnghand il-Maesta' taghha, il-Kavalier ikun ilu mejjet madwar saghtejn.

Tosca U int dan ser taghmlu?

Scarpia Inkunu ftit gusti ghaziza tieghi. Li nehles lilek, dan jiena naghmlu minn qalbi, imma li nehles lill-mahbub tieghek....dan le, le ma jistax ikun.

Tosca Imma allura...int assassin!

Scarpia Dak li naghmel jien jiddependi minnek.

Tosca Minni?

Scarpia Iva. Imma oqghod bilqieghda. Ghallinqas hu ftit inbid. Waqt li nieklu w nixorbu nkunu nistu nitkellmu dwar il-Kavalier Cavaradossi. Min jaf... forsi insibu xi mezz ghall-helsien tieghu.

Tosca (Toqghod bilqieghda risoluta faccata ta' Scarpia. Tressaq it-tazza l-gewwa biex tkun tista' tpoggi minkbejha.)
Jien ma rrid naf b'xejn. Ghidli biss kemm trid biex tehilsu.

Scarpia (Waqt li jtiehem sew l-imbid.) X'jigifieri kemm irrid?

Tosca Jigifieri kemm titlob ghal helsien tieghu?

Scarpia O Sinjorina kemm ghadek ma tafnix. Tassew li inti rajtni zorr waqt is-servizz tieghi. F'dak il-hin kien jiddependi l-gejjieni tieghi. Kieku Angelotti harabli jien kont inkun mitluf. Izda Sinjorina meta nkun qdejt dmiri jien nerga nsir kalm mill-gdid. Insir twajjeb. Bhalissa quddiemek int m'inthix tara l-Kummissarju imma l-Baruni Scarpia, ammiratur fanatiku tieghek. (Iqum u jersaq lejn Floria li din, dejjem bilqieghda thares lejh inketata.) Il-lejla l-ammirazzjoni lejk hija xi haga aktar missoltu. Sa ftit ilu kont nara fik il-melodija ta' kompozituri famuzi, imma issa qed nara s-sbuhija tal-mara. Qieghed nara l-imhabba ppersonifikata fik. Floria int sabieha u helwa fil-gesti u fi kliemek. Il-gibda li ghandi ghalik tnessini l-kariga tieghi. Quddiemek qed inhossni mirbuh.

Tosca (Aktar inkwetata minn qabel, b'lehen ftit baxx.)
Iskot! Tkomplix izjed.

Scarpia (Iqieghed it-tazza fuq il-mejda u joqghod bilqieghda vicin taghha) Haga wahda twebbisli qalbi. Il-ghira li nara lilek mitlufa wara l-Kavalier Cavaradossi. Il-hsieb li int thobb lill-dan iz-zaghzugh ikebbes aktar fija x-xewqa li nzommu taht idejja, li nikkastigah... iva nikkastigah ghall-hena li huwa jsib fl-imhabba tieghek. Jiena nobghodu, nghir ghalih u ma nistax nahfirlu jekk mhux taht kundizzjoni wahda...iva wahda. Int jehtieg li tinsieh u thobb lili.

Tosca (Tqum) Lilek?!

Scarpia (Waqt li jibqa' bilqieghda izommha minn drieghha u b'lehen inkrepattiv) Iva...lili. Din l-imhabba bi hsiebni niksibha.

Tosca (Tehles minnu u tinfexx f'dahqa) Bniedem iblah! Ahjar nintefa' minn dik il-gallarija ghal-isfel milli...

Scarpia (Kalm u bla ma jitharrek mnejn hu) Jekk taghmel dan il-mahbub tieghek jigi warajk minnufih.

Tosca Ah! Allura l-prezz li qed titlob huwa...

Scarpia (Jidhaq) Fl-ahhar qed tifhimni.

Tosca Kif nista' ninsa lill-Mario. Dak li qed titlob huwa mpossibbli.

Scarpia Ghidli iva u jien nehilsu...ghidli le u jien neqirdu.

Tosca Imma kif jista' jkun li bniedem jasal s'hawn?

Scarpia Iva jiena nasal ghal kollox. Ghalik bhal m'ghidtlek il-bibien huma miftuha ghalik. Jiena nistidak biex tmur. Jiena naf li tibda xxandarni u tinsultani ma kullhadd. Imma b'daqshekk ma tkunx qed taghmel haga ohra ghajr titlef iz-zmien. Floria, haga wahda baqghalek taghmel biex tehilsu. Tinsieh u thobb lili.

Tosca Qatt!! Immur inxandar ma Ruma kollha l-kefrija tieghek.

Scarpia B'daqshekk ma jirnexxilekx tqajjem lill-mahbub tieghek mill-mewt. Int tobghodni hux hekk?

Tosca Tistaqsini?

Scarpia Tajjeb. Qed niehu aktar gost bik. Xbajt minn nisa li jbaxxu rashom malajr. Aktar ma tichadli l-imhabba tieghek aktar taghmilni diterminat. Dik il-harsa ta' tmaqdir tqawwini. Iva Floria inhobbok u nakkwistak.

Tosca Int demonju!

Scarpia Demonju iva. Wara t-tmaqdir, wara l-mibgheda jkun aktar ta' gieh ghalija li narak mixhuta f'riglejja, mirbuha. Ir-rebha tieghi tkun akbar meta titlobni bil-hniena.

Tosca Int mostru!

Scarpia Kompli, kompli nsultani. Dik il-harsa ta' mibgheda ggghalni ningibed aktar lejk. (Jersaq lejha)

Tosca (Tahrab minnu mbezza') Le tersaqx lejja. Ghajjut.

Scarpia Hadd m'hu ser jisimghek. Il-hitan tal-kastell hoxnin gmielhom. Ersaq l'hawn. Hares ftit minn dik il-gallarija. Ix-xemx waslet biex tfegg. Mario baqghalu biss ftit minuti hajja.

Tosca Alla tieghi, thallihx jirrenja aktar lill-dan il-kiefer.

Scarpia Angelotti ga jinsab f'postu. Issa jmiss lill-iehor. (Jghajjat) Spoletta!!

Tosca Le, le. Ehilsu, nitolbok.

Scarpia (Jigri lejha) Dan ifisser li...

Tosca (Taqa' gharkuptejha f'riglejh) Ikollok hniena. Int ga thallast bizzejjed. Jiena umiljajt ruhi quddiemek. Hekku ninsab f'riglejk. Nitolbok, iva nitolbok mahfra ta' dak kollu li ghidtlek. Xi trid izjed?

Scarpia (Iqajjimha) Jigifieri ahna mifthemin. Qum minn hemm. Jidher li int lesta li tinsieh.

Tosca Le, le qatt!(Jersaq lejha, u hi timbuttah b'disprezz) Ersaq lura. Tbieghed minni

(Jinfetah il-bieb u jidhol Spoletta)

Spoletta Eccellenza, il-hin wasal. Immur ghal Cavaradossi?

Tosca (Mitlufa) Alla tieghi!

Scarpia Stenna! (Jersaq lejn Tosca) Floria, minuta wahda biss biex tiddeciedi.

Tosca (Tibki) Kollox mitluf. Kollox kontra tieghi.

Scarpia (Bil-mod) Isa, ghamel kuragg. Mhux daqshekk difficli li tinsa lill-xi hadd.

Tosca (Wara pawsa u bi sforz kbir) Iva. (Taqa' bilqieghda fuq id-divan, tinfexx tibki u tahbi wicca f'idejha.)

Scarpia (Kuntent) Spoletta! Biddilt il-hsieb. Il-bojja tista' tibghatu.

Spoletta Kif tordna, Eccellenza.

Tosca Sur Baruni, irridek tibghatu hieles issa stess.

Scarpia Mhux hekk malajr, ghaziza tieghi. Affarijiet bhal dawn ma jsirux bil-ghaggla. Jien jehtieg nobdi l-ordni tal-Gvernatur. Cavaradossi jrid jigi mnehhi ma tlugh ix-xemx u ghal ghajn in-nies il-Kavalier jehtieg imut.

Tosca Qed nifhem. Jigifieri int ser toqtlu bic-cajt.

Scarpia Iva!

Tosca U min jiggarantili li wara tehilsu?

Scarpia L-ordni li ser naghti quddiemek. Spoletta!

Spoletta Eccellenza?

Scarpia Ghalaq dak il-bieb.

(Spoletta jaghlaq il-bieb. Waqt id-diskors li gej, Floria tidher imwerwra u Scarpia jaghmillha s-sinjal li m' hemmx ghalfejn.)

Scarpia Ifhimni tajjeb. Il-Kavalier Cavaradossi mhux ser jigi mnehhi fuq il-forka, imma ser jigi ffucillat fuq il-pjattaforma tal-kastell, l-istess bhal ma gie ffucillat il-Konti Palmieri.

Spoletta Fhimtek, Eccellenza.

Scarpia L-istess bhal ma sar mal-Konti.

Spoletta Fhimtek, fhimtek Eccellenza.

Scarpia Ghazel erba' suldati mill-ghases taghna u int stess ittihom l-azzarini, ikkargati bi skratac bla balal.

Spoletta Tajjeb Eccellenza.

Scarpia Lill-Kavalier irridek tgharrfu b'dak li ser jigri. Irridek twasslu sa fuq il-pjattaforma. Ix-xhieda tkunu inti u Sciarrone. Ma l-isparar il-prigunier jaqa' ghal mejjet u int titfghalu mantell fuqu. Hekk kif is-suldati jitbghedu il-Kavalier iqum u int wasslu ftit il-boghod mill-kastell. Ftit wara tasal is-Sinjorina bil-karrozzella taghha. Irkeb maghhom u wassalhom sa bieb il-Belt. Bl-ordni li sejjer naghti l-ghases jifthulkom. Hekk kif il-Kavallier ikun salf inthom tistu tirritornaw.

Spoletta Kif tordna Eccellenza.

Scarpia Dwar l-azzarini fhimtni wkoll.

Spoletta Iva, nikkarghom jiena stess. Il-fucillazzjoni nwettaqha minnufih?

Scarpia Hu l-Kavalier fil-Kappella u stenna ordni ohra.

Tosca (Ferhana) Irrid immur narah. Irrid nghidlu jien stess b'dak li ser isir.

Scarpia Tajjeb. Spoletta, s-Sinjorina hija hielsa. Fil-Kastell tista' tmur fejn trid u tohrog x'hin joghgoba. Irridek twassal lis-Sinjorina int stess. Wara li tkellem lill-Kavalier tista' twettaq l-esekuzzjoni kif ghidtlek.

Spoletta Kollox sew Eccellenza.

Scarpia Tista' tmur. Tinsa' xejn u ma nixtieq lill-hadd jerga jinterrompini qabel insjhilkom jien.

(Spoletta johrog u jaghlaq il-bieb warajh. Scarpia jsakkar minn gewwa. Ghal dan il-hoss Floria tqum bil-wieqfa mbazza.)

Scarpia Kuntenta issa?

Tosca (Bl-lehen imrieghed) Le!

Scarpia X'tixtieq izjed?

Tosca (Bi sforz) Irrid certifikat minn idejk li bih inkunu nistghu nohorgu mill-Istati Rumani x'hin irridu.

Scarpia Kollox sew. Halli niktibulek malajr.

(Muzika. Jersaq lejn l-iskrivanija u jibda jikteb bil-wieqfa. Floria tersaq lejn il-mejda. Waqt li tirtoghod taqbad it-tazza li kien imlielha Scarpia u waqt li tkun ser tixrob tilmah is-sikkina tal-frott. Thares lejn Scarpia li bhalissa jinsab mhedi. Terga tqieghed it-tazza fuq il-mejda. Tinza l-ingwanta u titlaqha fuq il-mejda. Taqbad is-sikkina u tahbiha fil-komma t'idha il-lemenija. Wara li jikteb ic-certifikat Scarpia jaqra b'lehen gholi.)

Scarpia Hekku. "Bis-setgha li taghtina l-Awtorita' nordnaw lill-ghases taghna li jhallu lis-Sinjorina Floria Tosca u lill-Kavalier li jakkompanjha johorgu mill-Istati Rumani bla ebda tfixkil f'kull hin u f'kull jum."

Ruma, 18 ta' Gunju,
Vitellio Scarpia,
Kummissarju tal-Pulizija,"

(Jersaq lejn Tosca) Tajjeb hekk? (Floria taqbad it-tazza u tixrobha f'nifs wiehed.)

Tosca Irrid naqrah jien. (Scarpia jaghti c-certifikat lill-

Floria. Din taqrah bil-wieqfa bi Scarpia ftit warajha. Wara li taqra tqieghed it-tazza fuq il-mejda u tahkem is-sikkina.)

Tosca Iva. Tajjeb hafna.

Scarpia (Jaqbadha minn spallejha minn wara.) U hekk fl-ahhar nista' nghid li akkwistajt l-imhabba tieghek.

Tosca (Iddisprata, b'qilla kbira iddur u ttih daqqa ta' sikkina fuq qalbu.)
Hekku dak li trid minni!! (Muzika)

Scarpia (B'karba twila u jaqa' fuq id-divan) Aaaah! Mishuta! Ghajjut!

Tosca (B'ferh feroci) Fl-ahhar ikkuntentajtek...

Scarpia Ghajjut! Ghajjut! Qed immut!...

Tosca Din is-sikkina taghtni x-xorti narak f'riglejja tithallas ghal-kefrija tieghek. (Tpoggi s-sikkina fuq il-mejda.) Bniedem vili! Ittorturajtni sakemm wassaltni biex innehhilek hajtek. Iva, thallast minnek. Hares lejja nitpaxxa bl-agunija tieghek. Qed tmut minn taht idejn mara. Mut! Mut!

Scarpia (Jittanta jqum. Iqabbad idejh ma dahar id-divan u b'lehen fgat.) Aj...jut! Aj...jut!

Tosca (Tmur lejn il-bieb tissamma dejjem b'ghajnejha fissi lejn Scarpia.) Ghajjat b'kemm ghandek sahha. Le, lehnek ma jwasslek imkien. Tinsiex; il-hitan tal-kastell huma verament qawwija. Id-demm qed jifgag.

(Scarpia bi sforz iqum bil-wieqfa. Floria tigri lejn il-mejda u taqbad is-sikkina. Ghal ftit sekondi jibqu iharsu lejn xulxin, Scarpia jirtoghod u Floria minaccjuza. Scarpia jsamma karba tal-mewt u jitgerbeb fl-art.)

Tosca (Floria tqieghed is-sikkina fuq il-mejda.) Miet!! Quddiemu kienet titrieghed Ruma kollha. (Pawsa zghira) Qieghed jisbah! (Jinstemghu tnabar fil-boghod u tibda l-muzika sa tmiem din il-parti tal-Att.)

(Taqbad il-kandilabru ta' fuq il-mejda, tressqu lejn wicc Scarpia u terga tpoggieh f'postu. Timsah idejha mid-demm fid-dvalja. Tilmah tebha fuq il-libsa, ixxarrab it-tarf tad-dvalja u timsaha. Tirranga xagharha. Taqbad l-ingwanta minn fuq il-mejda u tilbisha waqt li ghajnejha jiffissaw il-katavru. Taqbad ic-certifikat u titfghu f' hobbha. Tmur lejn il-bieb u tissamma. Tmur biex titfi x-xema, imma jerga jibdilha. Tiehu z-zewg kandilabri u tpoggihom wiehed kull naha ta' Scarpia. Thares madwarha, tilmah il-Kurcifiss fuq il-ginokkjatur, taqalghu u tpoggieh fuq sider Scarpia. Tersaq lejn il-bieb, tifthu u tohrog bla hoss.

Il-hoss tat-tnabar li jkun ilu jinstema' 'superimposed' fuq il-muzika issa jizdied u s-siparju jinghalaq bil-mod.)

<u>Tmiem l-ewwel parti tat-Tielet Att.</u>


ACT THREE
FIRST SCENE

## It-Tielet Att (It-Tieni Parti)

Xena:- Il-pjattaforma ta' Kastell Sant'Angelo. Fuq ix-xellug tidher mejda u fuqha fanal, registru kbir u dak li jehtieg ghal kitba. Ghal nofs ix-xena jidher bank tal-injam. Hemm ukoll siggu wara l-mejda. Fuq il-lemin kurcifiss imdendel u lampier zghir quddiemu. Fuq il-lemin ukoll tarag li jaghti ghal-fuq il-pjattaforma li qieghda fl-isfond tax-xena. Tinstema' l-muzika tal-ftuh. Bil-mod il-mod id-dlam jibda jinkiser mid-dawl tas-sebh.

(Il-kalzrier jidhol b'fanal f'idu, jixghel il-fanal li hemm quddiem il-kurcifiss imbaghad dak ta' fuq il-mejda. Joqghod bilqieghda u jistenna nofsu rieqed. Xi suldati flimkien ma Sciarrone jidhlu ma Mario Cavaradossi. Is-suldati jieqfu. Sciarrone jikkunsinna l'mario u folja karta lill-kalzrier. Il-kalzrier jezamina l-folja, jiftah ir-registru u jibda jikteb waqt li jaghmel il-mistoqsijiet.)

Kalzrier — Mario Cavaradossi?

Mario — (Ibaxxi rasu)(Il-kalzrier inewwel il-pinna lill-Sciarrone.)

Kalzrier — Il-firma jekk joghgbok.

(Sciarrone jiffirma r-registru, imbaghad jitlaq mas-suldati.)

Kalzrier — Baqa' siegha ohra. Is-sacerdot qed jistenniek issejjahlu.

Mario — Mhux ghalissa. Qabel irrid nitolbok grazzja.

Kalzrier — Jekk nista', naqdik.

Mario — Warajja sejjer inhalli persuna ghaziza. Qabel immut nixtieq niktbilha erba' kelmiet. (Jaqla' curkett minn subajh.) Dan ic-curkett huwa l-unika haga li baqghali. Jekk twieghdni li twasslilha l-ahhar tislima tieghi ikun tieghek.

Kalzrier — (Jahsibha ghal ftit, imbaghad jaccetta) Oqghod bilqieghda u ikteb.(Muzika)

Mario — (Joqghod bilqieghda fuq il-bank u jibda jikteb. Wara ftit milqut mit-tifkiriet tal-imghoddi, jitlaq il-pinna, iqum u bhal wiehed in estasi jghid... Waqt il-monologu tinstema l-istess bicca muzika imma baxxa.)
X'tifkiriet sbieh! Niftakar,kien dalam sewwa. Il-qamar bid-dawl tal-fidda tieghu kien jisboq il-hdura ta' madwari. Il-kwiekeb, f'ghajnejja f'dak il-hin rajthom jizfnu w jitbewwsu. Imbaghad f'salt wiehed rieha helwa, rieha li tghaxxaq habtet ma haddejjha u minnufih, f'widnejja smajt ghajta..ghajta li tajjret minn fuqi l-fantasija u gabitni f'sensija. Passi hfief bhal ta' anglu bdew resqin lejja...'Mario' ghajtet Floria l-mahbuba tieghi u ma dik l-ghajta griet u ntefhet f'dirghajja mitlufa f'imhabbitha. Fi kliem maqtugh qaltli grajjietha, Floria kienet thobbnikienet mitlufa warajja. Fija kienet issib il-kenn, is-sabar u l-komprensjoni. Talbitni mhabbti w tajtielha. F'dak il-hin kont bhal mibluh b'ghajnejja msammrin fuqha,nitpaxxa bi gmielha. U issa, issa ninsab wahdi, imbieghed minn kullhadd. Il-jiem ta' mhabba u hena tbieghdu minni ghal dejjem. Dik is-siegha harbet minn taht idejja bla ma ntbaht. Sejjer immut waqt li kont ser induq l-hena tal-hajja.
(Jaqa' bilqieghda u jinfexx jibki.)

(Jitfaccaw Spoletta w Tosca. Juriha lill-Mario filwaqt li jghid xi haga lill-kalzrier. Jaghti ordni lis-suldat

li jinstab jippassigga f'tarf is-sur biex ihallihom ghal-ftit wahedhom.) (Tosca tilmah lill-Mario imbikki b'rasu bejn idejh, tersaq lejh u terfaghlu rasu b'idejha t-tnejn. Mario sorpriz iqum jigri.Floria tipprezentalu l-folja mitwija li ghandha f'idejha bla ma titkellem ghax tinstab emozzjonata.)

Mario (Jaqra) 'Certifikat ta' helsien' Imma kif? Kif irnexxilek tiksbu dan?

Tosca Stenna halli nara ahniex wahedna. (Tmur tittawwal) Iva. Spoletta mar ukoll. Wegibni Mario, kif thossok?

Mario Nervuz hafna.

Tosca Ftit iehor u jghaddi kollox. Inkunu tbieghdna minn dil-Belt ghal dejjem.(Mario jiskanta) Mario, iftah dik il-balcmina, dik hija l-mahfra tieghek.

Mario Il-mahfra tieghi ghidt? Mhux tieghek biss?

Tosca Le. Ftit iehor u int tkun hieles ukoll.

Mario (Jaqra) U min taghielek din il-mahfra? Jaqaw. Scarpia?

Tosca Iva.

Mario M'inhix nemmnek. Fhemni kollox.

Tosca Ftit iehor is-suldati tal-Kastell ghandhom taparsi jiffucillawk. L-azzarini ghandhom ikunu kkargati bi skratac bla balal u biex dan zgur jigri ghandu jarahom Spoletta stess.

Mario Ghadni ma nistax nemmen...

Tosca Kompli ismaghni. Int ser tigi mehud fuq il-pjattaforma. Is-suldati jisparaw u int ghandek taqa' bhallikieku int tkun midrub tassew. Spoletta ghandu jibghat lis-suldati lura fil-kwartier u wara jien u int nigu mwassla sal-karrozzella tieghi li tkun qed tistenniena ftit il-boghod mil-Kastell. Nirkbu u nitilqu l-boghod minn hawn fejn inkunu nistghu nghixu henjin flimkien.

Mario Inhossni mnixxef nisma dan kollu.

Tosca Aqra dan ic-certifikat. B'dan inkunu nistghu naqsmu l-fruntiera bla hadd ma jkellimna.

Mario Ghalik qieghda tghid hux tassew?

Tosca Le Mario, ghalik ukoll aqra sew.

Mario "Lill-Floria Tosca u l-Kavalier li jakkompanjha." Tassew. Il-firma hija wkoll ta' Scarpia.

(Jidhol Spoletta)

Spoletta Kavalier, hemm bzonn li nhaffu. Ahjar ma nhalluhx jisbah ghax jiswa ghal kullhadd.

Tosca Iva nhaffu. Dak li ghandna naghmlu naghmluh malajr.

Spoletta Mela hejji ruhek. Sa mmur naghti ordni lis-suldati jigu fuq il-pjattaforma. L-azzarini diga lesti.

Tosca Iva haffef. Kif ser naqbdu nirringrazzjawk.

Spoletta Dalwaqt tarawni hawn. (Johrog.)

Mario (Ferhan jaqbad id Floria) Ghidli Floria, liema hu l-prezz li hallast biex ksibt il-helsien tieghi?

Tosca Daqqa ta' sikkina fuq qalbu.

Mario Qtiltu?!!

Tosca (B'ferh selvagg) Iva, qtiltu.

Mario Imma allura kif tinsab hawn? Jekk jintebhu bid-delitt tieghek, int mitlufa ghal dejjem.

Tosca Le,le. Quddiemi stess Scarpia ta ordni biex ma jfixkluhx qabel ma jsejhilhom huwa. Bhalissa qieghed jistrieh miskin u bir-ragun ghax ilu mqajjem il-lejl kollu. Spoletta ma jmurx iqajmu qabel nofs in-nhar u ghalhekk ghandna zmien bizzejjed biex naharbu. F'inqas minn erba' sieghat inkunu Civitavecchia u minn hemm nirkbu l-ewwel skuna li tkun ser issiefer. Meta jsibu l-katavru tieghu inkunu l-boghod minn hawn.

Mario Mara qalbiena!

Tosca (Issikktu u b'lehen baxx) Wasal Spoletta.

(Jidhol Spoletta u s-suldati jieqfu warajh)

Spoletta Lest sinjur?

Tosca Iva, iva lest. Nista' nigi nwasslu?

Spoletta Jisobbija Sinjorina, ahjar ma tidhirx. M'ghandekx ghalfejn tersaq qabel tisma' l-isparar.

Tosca Tajjeb. Thallunix nistenna wisq.

Spoletta Immorru Sinjur?

Mario X'hin trid.

Tosca Mario, nirrikmandalek li taghmel il-parti tajba. Mal-isparar aqa' ghal mejjet.

Mario Tahseb xejn, il-parti naghmilha perfetta.

Spoletta (Jaghti ordni) Immorru.

(Jimxu Sciarrone, warajh zewg suldati, Mario, zewg suldati ohra u Spoletta. Jitilghu it-tarag tal-pjattaforma. Is-suldati jiehdu pozizzjoni fuq il-lemin, Spoletta fin-nofs, filwaqt li Sciarrone jiehu l-Mario fuq ix-xellug. Jidher li jrid jghattilu ghajnejh izda Mario ma jaccettax. Sciarrone jibqa fuq ix-xellug fuq in-naha ta' wara tal-pjattaforma. Floria tidher inkwetata bid-dewmien.)

Tosca Ghaliex dan id-dewmien kollu? Dalwaqt jisbah ghal-kollox. X'inhuma jistennew. Veru li din hija kummiedja imma nhossni bla sabar xorta wahda.

(L-ufficjal Spoletta jgholli x-xabla u s-suldati jimmiraw l-azzarini fuq Mario.)

Tosca Hekku wasal il-waqt.

(Tilmah lill-Spoletta ser inizzel ix-xabla. Floria ssodd widnejha biex ma tismax l-isparaturi. Is-suldati jisparaw. Tinstema muzika. Floria taghmel sinjal lill-Mario u..)

Tosca Aqa' fejn int! Mut! (Mario jaqa', Floria ttih bewsa b' idejha u...)
Perfett!

(Sciarrone jersaq lejn Mario u josservah bir-reqqa. Spoletta jersaq lejn Sciarrone u jkellmu bil-mod. Sciarrone jersaq lejn is-suldati u jinzel magħhom u johorgu. Spoletta jneħħi mantell minn fuqu u jgħatti l-katavru ta' Mario. Tosca tinsab bezghana u tosserva kull moviment)

Tosca — (Waqt li Spoletta jkun niezel mill-pjattaforma.) Ibqa' kif int, Mario. Titharrikx ghalissa.

(Kif johrog Spoletta, Floria tibqa' tissemma b'attenzjoni lejn fejn nizlu imbaghad tersaq lejn Mario u...)

Tosca — Qum Mario. Isa, qum. Haffef Mario. Mario, Mario. M'intix tismaghni? Mario! Mario!

(Tinzel gharkuptejha, tnehhilu l-mantell u fl-istess iccappas idejha bid-demm. F'salt wiehed, tqum bil-wieqfa, issamma ghajta tal-biza u tghajjat imkexkxa..)

Tosca — X'wahda din. Mario! Mejjet! Mejjet! (Tibki) (Bi kliem maqtugh waqt li tolfoq tintefa' fuq Mario ma tridx temmen dak li gara.)

Spoletta — Sinjorina!

Tosca — (Thares lejh iddisprata) Assassin!

Spoletta — Jisghobbija, Sinjorina li kelli nqarraq bik. Kelli niffucillah bhal ma ghamilt lill-Konti Palmieri. Dik kienet l-ordni tal-Baruni Scarpia.

Tosca — Bniedem mishut! Kemm jiddispjacini li m'ghadux haj.

Spoletta — X'int tghid Sinjorina. Min m'ghadux haj?

Tosca — Scarpia miet qabel Mario tieghi. Qtiltu, iva qtiltu. Qieghed tifhimni? Daqqa ta' sikkina fuq qalbu. Mur, mur ara l-verita'.

Spoletta — Jekk tassew ghamilt dan l-att hajtek m'hix bizzejjed biex thallas ghemilek.

Tosca — (Li tkun ghada f'nofs il-pjattaforma u Spoletta isfel) X'tiswa izjed din ghalija? Huda issa. Tista' taghmel bija li trid.

(Jitfacca Sciarrone mas-suldati)

Sciarrone — Attenti, attenti li ma tahrabx. (Tnejn mis-suldati jitilghu ghaliha)

"U" CERT
CHB/...
30/3/80

BOARD OF FILM CENSORS
No. 9
MALTA

Spoletta — X'gara Sciarrone?

Sciarrone — Scarpia... mejjet fil-kamra tieghu.

Spoletta — Dik thallasa qares. Zommuha! Ftit iehor u tmur tilhaq lill-mahbub tieghek.

(Floria tisgicca minn bejn is-suldati, tigri ghal fuq is-sur, titla' c-cinta u...)

Tosca — M'hemmx ghalfejn tibghatuni. Sejra nilhqu jien stess. Scarpia niltaqghu quddiem il-Hallieq.

(Tinstema' l-muzika mill-opra. Tosca tintefa' ghal-isfel, Sciarrone u s-suldati, konfusi jigru jittawlu ghal-isfel waqt li Spoletta jibqa' qisu statwa jhares miblugh. Is-siparju jinghalaq malajr.)

<u>Tmiem tad-Dramm.</u>